**MALTA**
ĊERTEZZA
U STABBILTÀ

# DISKORS TAL-BUDGET 2023

**CLYDE CARUANA**
MINISTRU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL



**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-FINANZI
U X-XOGĦOL

# Diskors tal-Baġit

# 2023

Sur Clyde Caruana
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol
Malta
24 ta' Ottubru, 2022

Ippublikat mill-
Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol,
Triq in-Nofsinhar,
Belt Valletta
VLT 1102

Tel.: (+356) 25998259
Sit Elettroniku: http://www.mfin.gov.mt

**Dejta tal-katalogar tal-publikazzjoni**

**Malta.** Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol
Diskors tal-Baġit, 2023 / Clyde Caruana.
Valletta: Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, 2022

ISBN: 978-99957-58-65-3

1. Baġit - Malta
I. Titlu II. Clyde Caruana

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-
Dipartiment tal-Informazzjoni,
3, Pjazza Kastilja,
Belt Valletta
VLT 2000

Tel.: (+356) 22001700

Mitbugħ fl-iStamperija tal-Gvern
Prezz: **€2.00**

# Werrej


paġna

Introduzzjoni ........ 1

Kapitlu 1 - L-ambjent ekonomiku ........ 13

Kapitlu 2 - Soċjetà b'ruħ soċjali ........ 18

Kapitlu 3 - Sostenibbiltà fil-finanzi pubbliċi ........ 38

Kapitlu 4 - Inkomplu ninvestu fin-nies ........ 45

Kapitlu 5 - Ekonomija li tibqa' tikber ........ 53

Kapitlu 6 - Nibnu servizz tas-saħħa aktar modern ........ 67

Kapitlu 7 - Żvilupp Sostenibbli għal Malta t'għada ........ 71

Kapitlu 8 - Ekonomija Ħadra: Minn sfida għal opportunità ........ 80

Kapitlu 9 - Pajjiż ġust, sigur u ugwali ........ 89

Kapitlu 10 - Inkomplu ninvestu fil-kultura u l-isport ........ 95

Konklużjoni ........ 99

## Introduzzjoni

Fit-tielet sena ta' din l-amministrazzjoni, u fit-tieni sena tiegħi bħala Ministru għall-Finanzi, rajna sfidi liema bħalhom.

L-avvenimenti li ġraw f'dawn it-tliet snin normalment jiġru fuq medda ta' għexieren ta' snin.

Għalhekk, Sur President, fl-ewwel baġit f'din il-leġiżlatura kburi li ngħid li minkejja dawn l-isfidi Malta tagħna għadha b'saħħitha.

Kburi li, minkejja l-isfida biex insalvaw il-ħajjiet waqt il-pandemija,

minkejja l-għawġ ekonomiku u s-sagrifiċċji biex insalvaw l-għajxien tan-nies,

minkejja n-nefqa bla preċedent li saret biex in-negozji ma jżarmawx,

minkejja l-kriżi fis-supply chains madwar id-dinja,

minkejja r-ritorn tal-gwerra f'art Ewropea,

minkejja li l-prezzijiet tal-petrol u tad-diżil kważi rduppjaw madwar id-dinja,

minkejja l-isplużjoni fil-kontijiet tal-elettriku madwar l-Ewropa,

u minkejja l-isfidi kollha li sibna ma' wiċċna, bħala Gvern u bħala poplu, dan il-pajjiż xorta waħda kien, għadu u se jibqa' wieħed sod.

U għax pajjiż sod, ser ikun possibbli li noħolqu l-ġid biex permezz tiegħu nkunu nistgħu nwieżnu dawk l-iktar fil-bżonn.

Ma bżajniex quddiem dawn l-isfidi kbar u żgur li mhux se nibżgħu mill-futur. Minkejja n-negattività, minkejja l-biża' - għadna fuq saqajna. Kellna, għandna u ser jibqa' jkollna ekonomija b'saħħitha.

Pajjiżna huwa b'saħħtu għax għandu storja twila ta' reżiljenza. Pajjiżna huwa b'saħħtu għax il-poplu Malti magħmul minn stoffa tajba.

Sur President, pajjiżna għandu storja twila warajh. Dan il-poplu huwa ta' rieda soda għax għaddejna minn ħafna. 120 sena ilu l-popolazzjoni ta' Malta kienet biss ta' 190,000 ruħ. Pajjiżna kien parti mill-Imperu Ingliż. Pajjiż ċkejken - iżda kien kruċjali bħala bażi militari fil-Mediterran. Fuq din l-art, fost l-iktar postijiet li waqgħu bombi fuqha matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Wara l-ħerba li ħalliet warajha l-gwerra, dan il-poplu beda l-ġlieda tiegħu biex isir poplu sovran.

Dan il-poplu kien tal-fehma li l-futur tal-Maltin għandu jiġi deċiż mill-Belt Valletta. Biex wasalna s'hawn, it-triq kienet twila u ta' sagrifiċċji kbar.

Għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu, dan il-poplu rnexxielu jikseb id-dritt li Malta tkun immexxija mill-Maltin. Illum dan huwa l-iżgħar pajjiż fl-Unjoni Ewropea, iżda b'siġġu madwar il-mejda tad-deċiżjonijiet.

Huwa poplu liberu li jiddeċiedi, tajjeb jew ħażin. Id-destin tagħna huwa f'idejna - u proprju għaliex dan il-poplu għandu dritt jiggverna lilu nnifsu, li nistgħu nieħdu deċiżjonijiet differenti minn popli oħra jekk inħossu li huma l-aħjar għall-Poplu Malti.

Kif it-tankijiet Russi daħlu f'art Ukrena fi Frar li għadda, dan l-att ġab miegħu sfidi umanitarji kbar. Ftit jiem wara kien qed joħroġ biċ-ċar li ser naffaċċjaw sfidi daqstant kbar, ta' natura ekonomika.

Għal darb'oħra pajjiżi Ewropej għażlu li jpoġġu l-piżijiet fuq in-nies, flok raw kif isostnuwhom.

Pajjiżi oħra ma kellhomx il-kapaċità li jġorru dawn l-isfidi, allura daru fuq in-negozji u l-familji.

Iżda Gvern Laburista m'għamilx hekk, Sur President.

Gvern Laburista ma jistax jagħmel hekk ġaladarba hemm triq oħra. Dik hija d-differenza bejn naħa u oħra.

Konna l-uniċi fl-Ewropa li għidna le għal kontijiet għoljin. L-unika pajjiż fejn id-dawl u l-fjuwils, fi żmien daqstant sensittiv, m'għolewx. U dan il-pass ħadnieh mill-ewwel ġurnata li ġiet quddiemna din l-isfida.

F’pajjiżna, għax nistgħu, u għax għandna poplu li jmexxi lilu nnifsu, ħadna l-aħjar deċiżjonijiet fl-interess tal-poplu Malti u Għawdxi.

Għażilna politika differenti li nemmnu li hija ta’ ġid għall-pajjiż u għall-ekonomija tiegħu.

Napprezza li politikament deċiżjoni bħal din hija iebsa u riskjuża, iżda nemmen bis-sħiħ li din hija l-aktar deċiżjoni għaqlija.

L-aħħar darba li f’pajjiżna għolew il-kontijiet tal-enerġija, l-ekonomija kkrollat.

L-aħħar darba li ġara dan, il-familji ssallbu bil-kontijiet tad-dawl.

Li kieku llum għamilna kif kien għamel Gvern Nazzjonalista, id-daqqa kienet tkun ferm u ferm akbar.

Daqshekk hija kbira l-kriżi tal-enerġija fis-swieq internazzjonali.

Sur President, ħalli nispjega aktar fid-dettall billi nagħti eżempji numeriċi ħalli kulħadd jifhem fuq xiex qed nitkellem. Lura fl-2008, meta kienu għolew il-kontijiet, il-gvern ta’ dakinhar ra li l-Enemalta żżid l-introjtu tagħha mill-kontijiet b’madwar €100 miljun aktar.

Jiġifieri dak iż-żmien kienu ġabru €100 miljun aktar minn bwiet in-nies għax ma kinux kapaċi jagħmlu mod ieħor. Illum, għandna daqqa li hija sitt darbiet akbar - għax daqshekk ser tiswina għas-

sena li ġejja - u mhux qed nitolbu ewro li hu ewro mingħand in-nies.

Intom kissirtu ekonomija u għabbejtu lin-nies, aħna, minkejja dawn l-isfidi kollha l-ekonomija ser tikber u mhu qed ngħabbu lil ħadd.

B'dan l-eżempju biss illejla n-nies jaslu għal konklużjoni li aħna kapaċi u kredibbli biex immexxu l-ekonomija u l-finanzi tal-pajjiż u intom m'intomx. Ingidmu - u kif ingidmu! - Għalhekk ma jafdawkomx.

Ilkoll nafu li minħabba tali deċiżjoni kellhom jgħaddu s-snin biex l-ekonomija terġa' tiġi f'tagħha.

Rajna familji jbatu. Rajna negozji jagħlqu. Rajna protesti kbar fit-toroq. Rajna instabbiltà kbira. Paraliżi totali fl-investiment għal snin twal.

Illum, li kieku dan il-Gvern ma ħax id-deċiżjonijiet li ħa, kieku ż-żieda fil-kontijiet tal-elettriku kienet tkun tali li għal kull €100 li wieħed iħallas, kieku jrid jibda joħroġ mal-€230. Immaġinaw negozju żgħir li bħalissa jħallas €500 kull tliet xhur, minflok jirċievi kont ta' xi €1,200.

L-effetti għal pajjiż insulari, bħal Malta, li diġà huwa affettwat mill-inflazzjoni li ġejja minn barra, kienu jkunu katastrofiċi.

Kien ikun hawn ħafna nies li jgħidu, fil-magħluq, illi jafu li din iż-żieda ġejja minn barra u mhux tort tal-Gvern.

Iżda ninsab ċert li l-istess nies kienu jmorru hemm barra u jgħidu li dan huwa tort tal-Gvern, biex isarrfu l-iskuntentizza tan-nies f'punti politiċi. Punti fiergħa għax tkun qed tabbuża mit-tbatija tan-nies għal skop politiku.

Dawk huma l-elementi popolisti li m'għandniex x'nambuhom. Politiċi li jmorru fejn jimbotta r-riħ u jgħidu dak li hemm bżonn biex jinstemgħu sbieħ għall-gallarija.

Ipinġu d-dinja b'mod sempliċi. Ipinġu d-dinja bħallikieku hemm bakketta maġika li ssolvi kollox u din qiegħda b'kumbinazzjoni - f'idejhom.

Il-popoliżmu ma jgħidx il-verità lin-nies.

Fuq medda ta' żmien twil biżżejjed, l-istorja dejjem tat il-ġenb lil dawn in-nies.

U anke dawk li rnexxielhom jiksbu poter, fl-Istati Uniti u fl-Ewropa, fl-aħħar snin, qed naraw kif illum qed jikkrollaw politikament.

Sur President, il-popoliżmu nħalluh għal ħaddieħor.

L-għażla tagħna hija t-triq tal-kontabbilità u tas-serjetà.

L-għażla tagħna f'dan il-Parlament hija li nagħmlu xogħolna, naħsbu f'politika sensibbli u iva, nikkuntrastawhom.

Mhux tgħajjir. Mhux popoliżmu. Mhux għajjat.

Politika sempliċi, intelliġenti u bi ħsieb.

Li tħalli effett dirett fuq in-nies u li ma ddurx ma' fejn jonfoħ ir-riħ, jew ma' x'jgħid l-internet. Il-familji, fis-skiet tagħhom iridu politika u politiċi li jagħmlu dan u nemmen li l-passi li ħadna biex nipproteġu lill-familji u n-negozji miż-żidiet fl-enerġija kien frott ta' dan.

Sur President, f'din il-politika kellna ħames prinċipji li ggwidawna għal din it-triq diffiċli u kumplessa.

L-ewwel prinċipju huwa r-ruħ soċjali tagħna. Il-qalb Laburista żżommna milli ngħabbu lill-familji bi dħul baxx b'toqol ta' kontijiet tad-dawl m'ogħla s-smewwiet li qatt ma jistgħu jkunu aċċettabbli.

Qed naraw x'qed jiġri madwarna.

Fl-Ewropa, familji bi dħul baxx, l-iktar li ser jitkissru b'dawn il-kontijiet tad-dawl.

Il-faqar f'dawn il-pajjiżi diġà qed jerfa' rasu. Qalbna kienet, għadha u tibqa' waħda soċjalista.

It-tieni prinċipju huwa l-bżonn ta' stabbiltà ekonomika. Ħsiebna hu dak li naraw ekonomija li tibqa' għaddejja u mhux tisfronda kif ġara fil-passat.

Għax meta int għandek kumpaniji li jagħmlu ħafna użu mill-enerġija - ibda mill-manifattura sal-inġinerija - u tgħabbihom b'kontijiet ogħla - dawn ma jkampawx u wara ftit żmien tarahom jagħlqu l-bibien.

Rajna x'qed jiġri lill-ġirien tagħna. Mijiet u eluf ta' negozji jfallu għax ma jistgħux iħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom.

L-inflazzjoni f'pajjiżna kienet tkun fost l-ogħla fl-Ewropa li kieku ma għamilniex li għamilna.

Meta n-negozjant ma jiflaħx għal piż sproporzjonat, jeħel miegħu wkoll il-ħaddiem, li sfortunatament jispiċċa fit-triq, bil-kont soċjali jaqa' fuq il-Gvern.

Kieku ma ħadniex il-passi li ħadna l-prezz ekonomiku kien ikun ferm ikbar.

Kien pass naturali li b'moħħna naslu għal din il-konklużjoni favur is-settur produttiv.

It-tielet prinċipju huwa li dan il-pajjiż biddel il-politika tiegħu fl-enerġija f'dawn l-aħħar għaxar snin.

Il-fatt li ż-żieda fil-piż hija ta' 130% u mhux ta' 400% f'pajjiżi bħall-Italja, il-Ġermanja u l-pajjiżi Baltiċi, kienet kruċjali.

Dawn il-pajjiżi jiddependu biss mill-gass, l-istess gass li nixtru mill-interconnector u li għola b'mod sostanzjali fl-aħħar xhur, mentri llum pajjiżna jiġi influwenzat l-iktar mill-prezz tal-LNG li huwa marbut mal-prezz taż-żejt - li għalkemm għola ftit mhux ħażin f'dawn l-aħħar xhur, iż-żieda hi ferm inqas mir-rata tal-gass fl-Ewropa.

Din it-taħlita tatna l-flessibbiltà li nimminimizzaw ix-xiri mill-interconnector fiż-żmien opportun - proprju kif għamel il-Ministeru għall-Enerġija fejn uża s-sors tal-enerġija l-iktar li kien ekonomikament vijabbli.

Għax għamilna hekk il-piż tal-ispejjeż f'pajjiżna kienu biss ta' 130% u mhux b'400% jew iktar. Dan il-piż eħfef ħalliena f'pożizzjoni li nistgħu nassorbu din l-ispiża kollha bħala pajjiż, anke jekk il-kont ta' dan huwa stmat li jlaħħaq l-elf miljun fuq sentejn.

Ir-raba' prinċipju huwa għaliex il-qagħda fiskali ta' pajjiżna hija waħda b'saħħitha.

Kif għidt qabel Sur President, dan pajjiż b'saħħtu. Jgħidu x'jgħidu dawk li jaraw u jpinġu d-dlam biss, in-numri jgħidu storja oħra.

Kif ser ikolli ċ-ċans nispjega 'l quddiem, il-qagħda fiskali ta' pajjiżna, kuntrarju għal dik ta' pajjiżi oħra, hija waħda li tippermettilna li nwieżnu u nkunu flessibbli fit-tħaddim tal-politika fiskali tagħna.

Fuq kollox, il-passi li ħadna waqt il-pandemija tal-Covid-19 fissru li l-ekonomija ta' pajjiżna baqgħet hemm.

Anzi dan kien l-uniku pajjiż fl-Unjoni Ewropea li ħareġ mill-pandemija b'aktar nies jaħdmu, b'anqas nies qiegħda, u anqas nies inattivi, meta kkumparat mas-sitwazzjoni ta' qabel bdiet il-pandemija.

Kien hawn min ried iwaqqaf ekonomija bit-tkexkix,

iżda kburi llum ngħid f'isem dan il-Gvern, illi dak il-pjan falla.

Falla fl-elezzjoni ta' Marzu li għadda, u dik it-tip ta' politika ser tibqa' tfalli fil-futur għax il-politika tal-biża' ma taħdimx. In-nies iridu politika matura u razzjonali.

Inkompli bir-raġunijiet għalfejn għażilna li ma nżidux il-piż tal-kontijiet.

Il-ħames prinċipju għalfejn dan il-Gvern m'għażilx din it-triq hija dik li dan il-Gvern jaf x'qiegħed jagħmel.

Magħna tafu fejn qegħdin.

F'dan il-baġit qed ngħidu l-affarijiet kif inhuma - bla tlaqliq.

M'hemmx logħob bin-numri jew paroli fl-arja.

Dan il-baġit li hu abjad jgħidlu abjad, li hu iswed jgħidlu iswed.

Ix-xogħol tagħna huwa li nagħrblu u nieħdu d-deċiżjonijiet. Anke dawk ibsin.

Kif rajtu waqt il-pandemija tal-Covid-19 mhux ser naċċettaw point blank x'jagħmlu barra.

Nafu liema huma d-deċiżjonijiet li jgħoddu għal pajjiżna.

Mhux se ninġarru mal-kurrent qisna xi stikka dgħajfa.

Anzi Sur President,

Aħna kapaċi ngħumu kontra l-kurrent.

Illum, Sur President, għandna Ewropa li qed tbiddel id-direzzjoni politika fuq il-kontijiet tal-enerġija ogħla.

Illum naraw gvernijiet, bil-wisq akbar minna, b'ferm iżjed riżorsi amministrattivi minna, li qed ibiddlu d-direzzjoni tagħhom u jieħdu deċiżjonijiet li ħadna aħna disa' xhur ilu.

Xi wħud issa ammettew fil-pubbliku li t-triq oriġinali li jgħabbu l-enerġija fuq il-pubbliku kienet żbaljata.

Malta mhux tgħaddi mill-martirji kbar ta' kontijiet m'ogħla s-sema u nuqqas ta' provvista ta' enerġija kif qed jiġri ftit 'il bogħod minna.

Malta mhix titlob lin-negozji l-kbar ma jaħdmux għax m'hemmx biżżejjed enerġija.

Malta mhix tara l-ħaddiema jispiċċaw jaħdmu darba jew darbtejn fil-ġimgħa biss għax il-post tax-xogħol tagħhom ma jiflaħx għall-kontijiet li qed jaslulhom.

Għalhekk iġġieldu missirijietna!

Biex il-Poplu Malti jkollu s-sovranità tiegħu.

Biex ikun jista' jiddeċiedi l-futur tiegħu u ma nimxux wara ħadd b'mod għami - u għalhekk dan il-Gvern għamel li għamel - Ħa d-deċiżjonijiet ibsin - għax poplu sovran bi Gvern sovran iħares l-interess tal-pajjiż, u ta' ħadd iktar.

# Kapitlu 1 - L-ambjent ekonomiku

L-inflazzjoni kienet ir-raġuni għalfejn l-ikbar poteri waqgħu fl-istorja – minn żmien ir-Rumani sal-Ġermanja ta' mitt sena ilu.

L-inflazzjoni hija l-ikbar sfida fis-snin li ġejjin għal pajjiżna u għad-dinja. Iż-żieda fl-interessi mill-Bank Ċentrali Ewropew biex titrażżan l-inflazzjoni ser tħalli impatt fuq l-ekonomija Maltija u se nispjega għaliex.

Il-Federal Reserve tal-Istati Uniti qiegħed jieħu l-isfida tal-inflazzjoni b'serjetà liema bħalha hekk kif qiegħed ikun aggressiv permezz taż-żidiet sostanzjali fir-rati tal-interessi. Hekk hu indikat li se jibqa' jagħmel għaż-żmien li ġej hekk kif l-inflazzjoni mhux tbatti.

Minħabba li l-Banek Ċentrali, speċjalment dak Ewropew ma jridux jaraw il-munita tagħhom tiġi żvalutata mad-dollaru, hekk kif dan iwassal biex jiżdied il-prezz ta' prodotti importati fosthom dak tal-enerġija, il-pressjoni biex ir-rati ta' interessi jogħlew bl-istess mod tinħass aktar minn qatt qabel.

Il-Fond Monetarju Internazzjonali [l-IMF] qed jagħmilha ċara li x-xhur li għandna quddiemna huma xhur diffiċli bi sfidi kumplessi. It-tbassir tat-tkabbir globali naqas għal 3.2% għal din is-sena, filwaqt li għas-sena d-dieħla qed jaraw tkabbir ta' 2.7%. Dan huwa tnaqqis sostanzjali mis-6.0% tal-2021.

Fuq l-inflazzjoni, l-IMF qed tbassar li din ser togħla minn 4.7% fl-2021, għal 8.8% din is-sena, u 6.5% fl-2023.

L-IMF tgħid li r-raġunijiet prinċipali kienu u għadhom ir-riperkussjonijiet tal-pandemija u l-gwerra fl-Ukrajna.

Rata ta' inflazzjoni għolja fit-tul hija ta' dannu kbir għal kwalunkwe ekonomija. Dan minħabba li aktar ma kemm jogħlew il-prezzijiet aktar ser tkun it-talba għal kumpens mill-unions u l-ħaddiema. Min-naħa l-oħra l-istess talba għal kumpens tista' twassal għal żieda oħra fil-prezzijiet.

Ċirku vizzjuż li jaf jieħu perkors xejn pjaċevoli jekk ma jiġix imwaqqaf. Fid-dawl ta' dan kollu xogħlna huwa li nibqgħu nsegwu x'qed jiġri internazzjonalment u nibqgħu nieħdu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn biex pajjiżna jibqa' wieħed stabbli.

Minkejja kollox, dan il-Gvern jifhem l-impatt soċjali u uman li l-għoli tal-ħajja jġib miegħu.

Filwaqt li dak li għadni kemm spjegajt jitfa' d-dawl fuq x'qed jiġri fl-ekonomiji madwarna, xtaqt nispjega ftit il-kuntest ta' għalfejn l-affarijiet jogħlew fis-supermarkets ukoll - anke affarijiet li forsi wieħed jistenna li ma jogħlewx.

Jekk taqbad oġġett immanifatturat fl-Italja, fejn il-kontijiet għan-negozji żdiedu b'ħames darbiet, huwa naturali li dak l-oġġett jogħla meta jiġi biex jinbiegħ.

Issa meta dak il-prodott jiġi mixtri minn importatur Malti se jkun ogħla u dan se jirrifletti ruħu anke meta jitpoġġa fuq l-ixkaffa fis-supermarkets li mmorru nixtru mingħandhom aħna.

Malta timporta aktar minn 40% tal-ikel tagħha mill-Italja u mill-Ingilterra - żewġ pajjiżi fejn l-inflazzjoni splodiet. Dawn il-fabbriki barranin mhux qed jabbużaw, iżda qed jgħollu l-prezzijiet tagħhom kontra qalbhom minħabba l-għoli fil-kontijiet tal-enerġija li qed jirċievu.

Dawn it-tip ta' każijiet wasslu biex f'pajjiżna għoliet il-ħajja minħabba li nimpurtaw ħafna min- neċessitajiet tagħna. Fuq dak l-aspett il-Gvern ma jistax idaħħal kontroll fuq il-prezzijiet, u se nispjegalkom ukoll għalfejn.

Ejja ngħidu li pakkett għaġin kien jiswa 80ċ. Għas-saħħa tal-argument il-Gvern jista' jgħid li l-prezz ta' dak il-pakkett għaġin ma jistax ikun iżjed minn ewro.

Jekk minħabba l-prezzijiet tal-enerġija fl-Italja, l-importatur Malti tal-għaġin jiffaċċja prezz ta' €1.10 mingħand il-fabbrika Taljana, l-unika ħaġa li jista' jagħmel hija li ma jimportax dak il-prodott.

Huwa impossibbli li l-impurtatur jixtri b'€1.10 biex ibigħu ewro.

Allura ma jġibux - u ma jġibx kull ħaġa oħra fejn il-prezz li bih jixtri huwa ogħla jew l-istess mill-prezz leġiżlat. Dak ifisser li jkun hemm xkafef vojta fis-supermarkets.

Il-manifattura f'Malta tal-prodott lokali xorta għoliet, għax mhux l-enerġija biss żdiedet minn barra imma anke materjal u spejjeż oħra. Ħafna nies jaħsbu wkoll li hemm oħrajn li qed japproffittaw.

L-appell tiegħi lejn dawn u oħrajn li jipproduċu u jbigħu f'Malta huwa biex iħarsu fit-tul u jużaw din l-opportunità biex juru l-valur tal-prodott tagħhom lill-konsumatur Malti. Ta' spiss nisimgħu li għax ta' barra aħjar, iżda mhux dejjem il-każ.

Is-sens ekonomiku jgħid li dawn il-produtturi għandhom iżommu l-prezz kompetittiv, biex dak li jkun jixtri prodott Malti, forsi anke għall-ewwel darba. F'diversi setturi, mill-ikel sal-għamara, għandna prodotti Maltin ta' kalibru. Dan hu Gvern li jemmen fil-manifattura u l-produzzjoni Maltija.

Hawnhekk fejn wieħed jibda jara l-benefiċċju tal-istrateġija tal-Gvern. Minħabba li l-kontijiet tal-enerġija ma għolewx għax il-Gvern assorba dik iż-żieda, mela l-impatt tal-għoli tal-ħajja ġie mnaqqas sa fejn hu possibbli, għalkemm xorta jibqa' l-fattur tal-importazzjoni kif għadni kemm spjegajt.

Kollox idur mal-enerġija għax dik hija aspett tal-ekonomija li l-iktar nistgħu nikkontrollaw.

Fl-oqsma l-oħra, bħal fil-politika monetarja, Gvern ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea, għandu influwenza limitata.

Għaldaqstant biex naraw li l-inflazzjoni ma tiżdidx aktar minn dak li nistgħu nikkontrollaw, l-allokazzjoni għas-sena d-dieħla fil-qasam tal-enerġija u ċ-ċereali, kif imħabbar fid-dokument ta' qabel il-baġit, ser taqbeż is-€600 miljun.

Din tfisser spiża ta' €70,000 fis-siegħa u kważi 10% tan-nefqa totali annwali tal-Gvern. Ewro minn kull 10.

Immaġinaw persuna għandha €1,000 paga f'idejha fix-xahar. Meta taqta' l-ispejjeż kollha tonfoq €980 f'kirja, loan tal-karozza, fjuwil, elettriku u ikel ta' kuljum. Jekk din tibgħatilha kont ta' €100 kull xahar din il-persuna ftit għandha fejn tiċċaqlaq għax €20 biss fadlilha mill-paga.

X'suppost ma tħallasx il-kirja, ma tħallasx il-loan tal-karozza jew ma tagħtix fjuwil? Ma tixtrix ikel? 10% ma tidhirx ħafna iżda meta għandek l-ispiża tiegħek marbuta tiġi sfida kumplessa.

L-istess il-Gvern. Il-maġġorparti tan-nefqa tal-Gvern hija marbuta ma' pagi ta' ħaddiema, pagamenti stabbiliti u ftit ikun hemm spazju ta' manuvrar f'termini ta' persentaġġ.

Għalhekk meta ngħidu li kull ewro minn 10 li jonfoq il-Gvern tmur għall-enerġija tfisser ukoll eżerċizzju ta' dixxiplina fl-amministrazzjoni tal-pajjiż, u anke hawn il-Gvern kien kapaċi jimmanuvra u jibqa' għaddej mingħajr skossi. Fl-aħħar ta' dan iċ-ċiklu ser noħorġu b'amministrazzjoni li hija b'saħħitha għax kienet kapaċi tasal fejn trid tasal billi tkun effikaċi u prudenti fin-nefqa tagħha.

Gvern iktar effikaċi li jilħaq il-miri tiegħu b'użu aħjar tal-flus. Li m'għamiltux intom, qed nagħmluh aħna.

Fuq il-politika fiskali tal-Gvern nitkellem aktar 'il quddiem, ħalli nkun nista' nispjega aħjar li dan kollu li diġà għidt u dak li se nħabbar, issa huwa sostenibbli.

## Kapitlu 2 - Soċjetà b'ruħ soċjali

Sur President, daqskemm hu importanti x'qed jiġri fuq livell makroekonomiku - jiġifieri l-impatt ekonomiku barrani fuqna - daqstant huma importanti l-kwistjonijiet li l-familji Maltin u Għawdxin jitkellmu dwarhom madwar il-mejda filgħaxija.

Kburi li ngħid li minħabba dak li semmejt iktar kmieni, pajjiżna mhux talli baqa' fuq saqajh, iżda talli nistgħu nwieżnu iktar dawk l-inqas li jifilħu.

Pajjiżi oħra qed jgħinu kif ser inkunu qed ngħinu aħna, iżda mhux neċessarjament jifilħu għalihom. Mhux neċessarjament huma sostenibbli fin-nefqa tagħhom.

Id-differenza bejn Malta u dawn il-pajjiżi hija li aħna ser nintroduċu iżjed għajnuniet soċjali bi prudenza u b'għaqal. *We are spending within our means* - qed nonfqu dak li naffordjaw. Bħala Ministru għall-Finanzi stajt qbadt dawk il-biljun ewro tal-enerġija u infaqniehom f'għajnuniet diretti.

Ninsab ċert li kien ikun hawn ħafna li jgħidu prosit, iżda mill-banda l-oħra nkunu żidna n-nefqa, ma indirizzajniex l-inflazzjoni u fl-istess ħin l-ekonomija kien ikollha impatt bil-prezzijiet tal-enerġija.

Allura li nagħmlu rridu nagħmluh bi ħsieb u b'mod sostenibbli. Filwaqt li nemmen li l-biljun ewro li ser nonfqu f'dawn is-sentejn hija miżura soċjali indiretta - għaliex kieku l-prezzijiet fuq l-familji kienu jikbru – dik in-nefqa ser tpoġġina f'qagħda fejn l-ekonomija ser tikber.

Meta l-ekonomija tikber, il-Gvern isarraf dak id-dħul f'iżjed għajnuniet soċjali.

Għalhekk, bħala ekonomista nemmen li ma nistgħux nonfqu dak li m'għandniex.

Iżda bħala Laburist nemmen li s-soċjetà tagħna tiġi ġġudikata wkoll minn kemm ngħinu lil min jiflaħ l-inqas.

Abbażi ta' dawn il-valuri, il-Gvern baqa' sod fuq talbiet biex il-mekkaniżmu tal-COLA jinbidel u biex din is-sena nnaqqsuh. Dan ma ġiex milqugħ minħabba li rridu nibagħtu messaġġ li dan il-Gvern ser jibqa' sod għall-ħaddiema kontra d-daqqa tal-inflazzjoni. Kif qed ngħinu lin-negozji bil-kontijiet tad-dawl u bl-għajnuniet waqt il-pandemija, hekk ukoll irridu nkunu ġusti mal-ħaddiema.

Għalhekk kif diġà kelli l-opportunità nindika f'okkażjonijiet oħra, iż-żieda għall-għoli tal-ħajja ser tkun ta' €9.90 fil-ġimgħa. Din iż-żieda ser tingħata lill-impjegati kollha, lill-pensjonanti kif ukoll lil dawk fuq il-benefiċċji soċjali. L-istipendji tal-istudenti ser ikunu qed jiżdiedu pro-rata.

Kif ma ddejjaqniex nieħdu deċiżjonijiet drastiċi fuq l-enerġija biex inrażżnu l-inflazzjoni, hekk ukoll ser nibqgħu nieħdu deċiżjonijiet drastiċi biex nibqgħu nwieżnu lil dawk li l-iktar għandhom bżonn.

Kburi għalhekk, Sur President, li nista' nħabbar li ż-żieda għall-pensjonanti Maltin u Għawdxin li din is-sena ser titla' għal €12.50

fil-ġimgħa inkluż il-COLA. Dan ifisser li dan il-Gvern ser ikun qed iżid lill-pensjonanti b'€650 fis-sena. Dan jissarraf f'żieda totali ta' €65 miljun fil-bwiet ta' 100,000 pensjonant.

Sena wara sena dan il-Gvern iżid il-pensjonijiet għall-anzjani tagħna.

Anke fiż-żminijiet kumplessi, anke fiż-żminijiet fejn wieħed jistenna l-Gvern jgħolli t-taxxi u jnaqqas l-għajnuniet, dan il-Gvern jibqa' kommess biex jgħin lill-pensjonanti.

Il-vulnerabbli fis-soċjetà tagħna huma dawk li qegħdin l-iktar f'riskju bl-impatt tal-għoli tal-ħajja. Anke hawnhekk Sur President, naraw l-importanza tal-pass li nassorbu ż-żidiet fl-enerġija. Li kieku dan il-Gvern ma intervjeniex biex dawn ma jogħlewx, il-COLA din is-sena kienet ser togħla bi kważi €25 bl-inflazzjoni.

Din kienet tkun ta' piż sproporzjonat għall-familja, għax kienet tfisser li l-għoli tal-ħajja kien ikun ħafna ikbar milli hu llum - kien ikun piż kbir wisq għal eluf ta' negozji.

Iż-żieda fil-COLA waħidha, qabel il-kontijiet tad-dawl, nemmen li kienet tkun tfisser li ħafna negozji jfallu u ħafna ħaddiema jiġu mkeċċija.

## Mekkaniżmu addizzjonali tal-COLA għall-vulnerabbli

Minkejja li l-COLA din is-sena hija fost l-ogħla, kif wiegħed dan il-Gvern ser jiġi introdott mekkaniżmu tal-COLA ġdid għal dawk l-iktar vulnerabbli. Mat-80,000 ruħ ser jirċievu żieda tal-COLA

addizzjonali mill-Gvern, mingħajr ebda piż addizzjonali fuq in-negozji.

Hekk kif kien imwiegħed minni fl-aħħar baġit, il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol żviluppa mekkaniżmu addattat sabiex jikkumpensa lil dawk l-aktar fil-bżonn, għall-għoli tal-ħajja. Il-bżonn għal dan il-mekkaniżmu hekk speċifiku joħroġ mill-fatt li r-Retail Price Index, l-RPI, jew dik l-istatistika li fuqha tinħadem il-COLA (il-kumpens li dejjem nagħtu għall-għoli tal-ħajja), mhux dejjem jirrifletti bl-aħjar mod il-konsum tal-familji l-aktar fil-bżonn, u li jaqgħu taħt il-medja tad-dħul. Allura l-COLA mhix biżżejjed sabiex terġa' tagħti lil dawn il-familji fil-bżonn l-ispending power li tilfu meta bdew jiżdiedu l-prezzijiet.

Dan narawh aktar u aktar f'perjodi ta' inflazzjoni aktar għolja min-norma, fejn ir-riċerka turina li l-aktar li tipikament jintlaqtu huma dawk is-servizzi u prodotti li huma l-aktar bżonjużi u użati min-nies bi dħul relattivament baxx.

Għalhekk dan il-mekkaniżmu li qegħdin nniedu llum qed jindirizza b'mod speċifiku lill-familji vulnerabbli, u jiskatta meta jiġu fis-seħħ żewġ ċirkostanzi:

L-inflazzjoni fl-aħħar 12-il xahar, b'mod globali, tkun ogħla minn 2%.

L-inflazzjoni individwali fl-aħħar 12-il xahar, ta' tlieta mill-ħames komponenti meqjusin bħala bażiċi fl-RPI (l-Ikel; Akkomodazzjoni; Dawl, Ilma, Gass u Fjuwil; Spejjeż relatati mal-manutenzjoni

tad-dar u apparat tad-dar; U l-kura tas-saħħa privata), teċċedi l-medja tal-ħames snin preċedenti.

Kif dawn iż-żewġ kundizzjonijiet jiġu sodisfatti, jiskatta l-mekkaniżmu li jikkumpensa b'mod adekwat lil min jintlaqat l-aktar, biex b'hekk aktar ma familja tkun fil-bżonn, aktar ma jgħixu nies ġewwa dar, u anqas ma jkun id-dħul ta' dik il-familja, aktar jingħata kumpens lil dik il-familja.

Il-mekkaniżmu jindirizza lil dawk kollha li qegħdin jirċievu benefiċċji soċjali u li jaqilgħu anqas mid-dħul medju (Median Equivalised Income), li għal din is-sena kien ta' €17,796. B'hekk din is-sena, 80,000 individwu u 37,000 familja ser ikunu qegħdin jibbenefikaw minn dan l-investiment fis-soċjetà. Bi pjaċir inħabbar li dawn il-familji ser jirċievu dan il-kumpens qabel dan il-Milied.

## Ħelsien mit-taxxa fuq il-pensjoni

Il-limitu ta' dħul mill-pensjoni li mhux taxxabbli ser nerġgħu ngħolluh b'kemm se jkunu qed jogħlew il-pensjonijiet sabiex min jaqla' sal-ekwivalenti tal-pensjoni massima jibqa' ma jkunx taxxabbli.  B'hekk dan l-ammont is-sena d-dieħla ser jitla' għal €14,968. Dawk b'komputazzjoni ta' miżżewġin ikomplu jgawdu minn eżenżjoni mit-taxxa fuq kull dħul ieħor sa €3,600 fis-sena. Se ndaħħlu wkoll limitu ġdid li jikkonċerna pensjonanti li twieldu mill-1962 'il quddiem li se jkun abbinat mal-ogħla pensjoni li tali persuni jkunu jistgħu jirċievu.

## Bonus għall-għoli tal-ħajja jitħallas sħiħ lill-pensjonanti kollha

Ser inkomplu l-proċess li bdejna fl-2022 li b'mod gradwali, il-bonus għall-għoli tal-ħajja jibda jitħallas sħiħ lill-pensjonanti kollha li rtiraw wara l-2008.

B'hekk fl-2023, 56,000 pensjonant ser igawdi minn żieda addizzjonali varjabbli sa massimu ta' €1.50 fil-ġimgħa, b'nefqa ta' kważi €1.7 miljuni.

## Pensjonanti tas-servizz

Ser inżidu għal darb'oħra b'€200 l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li jiġi injorat fl-assessjar tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali. B'hekk matul l-2023, is-somma eżentata għal dan l-iskop ser titla' għal €3,266.

Il-pensjonanti tas-servizz li għandhom 72 sena jew aktar ser ikomplu jgawdu mit-titjib li daħħalna fl-aħħar sentejn li jikkonċerna l-parti tal-pensjoni tas-servizz li jkunu kkommutaw biex jieħdu s-somma, li issa qed tkun eżentata kollha.

## Inkomplu naġġustaw il-pensjonijiet tar-romol

Ser inkomplu naġġustaw b'mod gradwali r-rata tal-pensjoni tar-romol biex sal-aħħar tal-leġiżlatura tkun ekwivalenti għall-pensjoni tal-konjuġi tagħhom li jkun ġie nieqes.

B'dan l-aġġustament qed nistmaw li kważi 9,000 romol se jgawdu minn żidiet addizzjonali fil-pensjoni tagħhom li jistgħu

jlaħħqu sa €3.54 oħra fil-ġimgħa bħala medja, b'nefqa ta' madwar €1.6 miljun.

## Dritt għall-benefiċċji short-term lill-ħaddiema li jirċievu pensjoni tar-romol

Sal-lum ħaddiema li jkunu qed jirċievu pensjoni tar-romol għax ikunu romlu ta' età żgħira mhumiex intitolati għall-benefiċċji kontributorji tal-qgħad, mard jew korriment fuq ix-xogħol minħabba li jkunu qed jirċievu l-pensjoni tar-romol.

Mis-sena li ġejja dan ser jinbidel u issa ser ikunu jistgħu jiġu intitolati għal dawn il-benefiċċji wkoll jekk jiġu bżonnhom u skont il-ħlas tal-bolla.

## Krediti ta' bolol lill-persuni bi problemi ta' saħħa mentali

Il-Gvern huwa konxju tal-problemi li jiffaċċjaw persuni bi problemi mentali, aktar u aktar meta dawn jitfaċċaw minn età żgħira u qabel dak li jkun ikun daħal fid-dinja tax-xogħol.

Dawn il-persuni jkollhom anke problemi meta jiġu għall-pensjoni minħabba li jkollhom bolol neqsin għax mhux dejjem ikunu jistgħu jaħdmu regolarment, u jekk ikollhom perjodi ta' mard qabel jibdew jaħdmu, ma jkunux koperti bil-krediti tal-bolol.

Mis-sena li ġejja ser nibdew nagħtu sentejn krediti ta' bolol lil kull min ma jkunx ħadem għal xi perjodu bejn l-età ta' 18-il sena u l-età ta' 30 sena u jkun iċċertifikat li matul dak il-perjodu jkun irċieva kura regolari minn psikjatra li jkun jew li kien konsulent impjegat mal-Gvern.

## Se nerġgħu nżidu lill-anzjani li ma jikkwalifikawx għall-pensjoni kontributorja

Ser inżidu b'€50 il-bonus ta' kull sena għal persuni li jkunu laħqu l-età tal-irtirar iżda ma jikkwalifikawx għall-pensjoni għax ma kellhomx biżżejjed kontribuzzjonijiet.

Fl-2023, il-bonus għal dawk li ħallsu anqas minn 5 snin kontribuzzjonijiet ser jitla' għal €450 fis-sena waqt li għal persuni li ħallsu aktar minn 5 snin imma anqas minn 10 snin bolol, il-bonus ser jiżdied għal €550 fis-sena.

Madwar 15,000 persuna, l-aktar nisa miżewġa, ser igawdu minn din iż-żieda b'nefqa totali ta' kważi €800,000.

## Inkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-imgħoddi

Ilna mill-2017 li bdejna proċess li bih qed nindirizzaw eluf ta' anomaliji tal-passat. Kull sena żammejna kelmtna u hekk ser nibqgħu nagħmlu.

Sa issa għalaqna l-każijiet tas-sahra tal-pulizija li ma kinitx tħallset mill-Gvern preċedenti u l-każ tal-Malta Electricity Board. Din is-sena wkoll ser nagħlqu l-ħlasijiet dovuti lill-eksħaddiema tax-Xatt.

Is-sena d-dieħla ser nerġgħu nivvutaw €8 miljun oħra sabiex ikomplu jsiru l-pagamenti dovuti lill-eksħaddiema tal-Korpi li wara kienu daħlu fis-servizz pubbliku, apprentisti u studenti ħaddiema. B'dan il-pagament tas-sena d-dieħla, dawn ser ikunu magħluqa wkoll.

Ser inħarsu wkoll lejn il-każijiet tal-eksħaddiema tal-Korpi li wara daħlu mas-settur pubbliku, eksħaddiema tal-Gas Board u eksapprentisti tal-MEB u l-eksħaddiema tat-Telemalta.

Mhux ser nieqfu hawn.  Ser nivvutaw €2 miljun ieħor sabiex nibdew nindirizzaw gradwalment numru ta' anomaliji oħra kif wegħedna fil-Manifest Elettorali tagħna.

Għal dan il-għan, il-Kabinett ftit tal-ġimgħat ilu approva l-ħatra ta' kumitat li ser ikun qed jissorvelja l-proċess kollu tul din il-leġiżlatura.

Dan kollu jfisser li mill-2017 sal-2023, ser inkunu qed nagħtu total ta' €83.5 miljun biex nindirizzaw inġustizzji taħt Gvernijiet preċedenti.

## Żieda fl-Allowance tat-Tfal

Wara li fil-Manifest Elettorali konna wegħedna l-Garanzija tat-Tfal, u wara li aktar kmieni din is-sena nedejna l-Pjan Nazzjonali għal dan il-għan, issa gradwalment ser nibdew inwettqu dak maħsub.

Għal dan il-għan, matul l-2023 ser inkunu qed inżidu l-allowance tat-tfal b'€90 għal kull wild bħala parti mill-wegħda tagħna li nkunu żidna gradwalment dan l-allowance b'€450 tul il-leġiżlatura kollha.

Din il-miżura ser tolqot aktar minn 41,100 familja bi 62,000 tifel u tifla u se tiswa €5.6 miljun.

## Titjib għal min jiffosterja

Ser inkunu qed indaħħlu sistema li biha dawk il-ġenituri li jaddottaw il-wild li jkunu qegħdin jiffosterjaw lokalment, ser jibqgħu jirċievu parti mill-Foster Care Allowance.

Sal-lum il-Foster Care Allowance tieqaf immedjatament malli l-ġenitur jaddotta iżda mill-2023 il-benefiċċju mhux ser jibqa' jieqaf mal-ewwel iżda ser jibda jonqos gradwalment fuq perjodu ta' erba' snin jew sakemm il-wild jagħlaq il-21 sena, liema tiġi l-ewwel.

B'dan il-mod fl-ewwel sena tal-adozzjoni, jibqa' jitħallas 80% tal-allowance tal-fostering, 60% fit-tieni sena, 40% fit-tielet sena u 20% fir-raba' sena.

Dan minbarra li xorta titħallas l-għotja ta' rifużjoni fuq l-ispejjeż relatati mal-adozzjoni lokali li bħalissa tlaħħaq sa €1,000 u xorta titħallas l-allowance tat-tfal f'każ ta' adozzjoni ta' tfal taħt is-16-il sena.

## Żieda fl-għajnuna għal dawk li jbatu mill-kundizzjoni tac-coeliac

Konxji mill-fatt li l-prezzijiet tal-ikel għolew ukoll għal dawk li jbatu mill-kundizzjoni tac-coeliac, ser inkunu qed inżidu l-għotja li dawn il-persuni b'valur ta' €20 fix-xahar.

## Żieda fl-allokazzjoni għall-iskejjel bl-akbar numru ta' studenti vulnerabbli

Minbarra l-għotja ta' €10,000 fis-sena biex il-kapijiet tal-iskola jiżguraw li t-tfal ma jkunx jonqoshom affarijiet bażiċi fosthom ikel u riżorsi, l-allokazzjoni ta' fondi għall-iskejjel għandha tirrifletti r-realtà ta' dik l-iskola. Flimkien mal-iskejjel u tim ta' professjonisti multidixxiplinari ser infasslu programmi mmirati biex nindirizzaw dawn l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom it-tfal. L-iskejjel li qed jirċievu l-akbar numru ta' studenti li ġejjin minn ambjent diffiċli ser jirċievu allokazzjoni ta' fondi akbar, kif ukoll ir-riżorsi kollha meħtieġa biex iwettqu dan il-programm.

Qed inħabbru li kif wegħedna, ser inwessgħu l-iskema 9 biex it-tfal eleġibbli ma jkollhomx jagħżlu mis-servizzi offruti, iżda jkunu eleġibbli għalihom kollha.

## Benifiċjarji tal-assistenzi soċjali jirċievu ż-żieda għall-għoli tal-ħajja sħiħa

Minn din is-sena 'l quddiem, persuni li jgħixu fuq l-assistenzi soċjali bdew jirċievu għall-ewwel darba ż-żieda għall-għoli tal-ħajja sħiħa.  Ċertament li din il-miżura ġiet f'waqtha fil-mument li qed ngħixu fih illum.

Għaldaqstant is-sena d-dieħla dawn il-persuni mill-ġdid ser jirċievu ż-żieda għall-għoli tal-ħajja sħiħa u għalhekk dawn l-għajnuniet ser jiżdiedu wkoll b'€9.90 fil-ġimgħa.

## Intejbu t-Tapering tal-Benefiċċji

Fl-aħħar snin għamilna avvanzi kbar fit-tnaqqis ta' persuni fuq id-dipendenza soċjali fejn aktar minn 9,000 persuna li kienu jgħixu fuq l-assistenzi soċjali bbenefikaw mill-inċentivi li daħħalna bħat-tapering tal-benefiċċji u llum il-ġurnata qed jaqilgħu l-għajxien tagħhom mix-xogħol.

Għalhekk, is-sena li ġejja ser inkomplu ntejbu t-tapering tal-benefiċċji billi dak li jkun jibqa' jirċievi 10% aktar tal-benefiċċju fit-3 snin imsemmija. B'hekk fl-ewwel sena tax-xogħol jibqa' jirċievi 75% tal-benefiċċju, fit-tieni sena 55% u fit-tielet sena 35%.

## Dritt għall-Assistenza Medika non-kontributorja lil benefiċjarji tal-benefiċċji tal-mard u tal-qgħad

Sal-lum persuni li ma jkunux f'impjieg u li jkunu qed jirċievu jew il-benefiċċju kontributorju tal-qgħad jew tal-mard ma jistgħux jibbenefikaw ukoll għall-Assistenza Medika non-kontributorja.

Mis-sena li ġejja dan ukoll ser jinbidel u ser ikunu jistgħu jiġu intitolati għall-Assistenza Medika non-kontributorja wkoll, anke jekk ikunu jirċievu xi wieħed minn dawn il-benefiċċji kontributorji u jekk ma jkunux qed jaħdmu.

## Żieda fil-Carers Grant

Fl-2021 konna bdejna nirrikonoxxu lil dawk il-ġenituri li ma jistgħux jaħdmu biex jieħdu ħsieb lil uliedhom adulti b'diżabilità severa. Dakinhar bdejna nħallsu benefiċċju ta' €300 fis-sena u li żdied għal €500 din is-sena.

Fil-Manifest Elettorali tagħna wegħedna li dan il-benefiċċju mill-2023 jiżdied għal nofs il-Paga Minima Nazzjonali netta.

Għalhekk fl-2023, dan il-benefiċċju ser ikun qed jiżdied minn €500 għal ftit aktar minn €4,500 fis-sena u ser jibda jitħallas kull tliet xhur.

## Assistenti Personali

Għas-sena 2023, ser inkunu qegħdin ninvestu s-somma ta' €4.2 miljun fuq il-kunċett ta' Assistenti Personali u *I*ndependent Community Living biex aktar persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jilħqu l-potenzjal tagħhom. Dan ser ikun l-ewwel pass biex matul is-sena d-dieħla tiġi ffinalizzata r-riforma tal-Assistenti Personali skont il-linji gwida tal-European Network for Independent Living.

## Tax credit għal terapiji

Sabiex nindirizzaw ir-realtà li ġenituri ta' tfal b'diżabilità minbarra li jagħmlu użu minn terapiji offruti b'xejn mill-Gvern jinvestu minn buthom eluf ta' ewro kull sena f'terapiji oħra għal uliedhom, il-Gvern ser ikun qed jagħti tax credit ta' €200 kull sena lil ġenituri għal kull tifel jew tifla b'diżabilità.

## Għotja fuq xiri ta' vetturi ġodda jew *second hand* modifikati biex jinstaqu minn persuni li jagħmlu użu minn siġġu tar-roti u li huma ECO friendly

Persuni li ser jixtru karozza, Drive from Wheelchair ser jibbenefikaw minn sussidju ta' mhux aktar minn 20% fuq il-prezz tal-karozza. Fl-istess ħin, dawk li jixtru karozza modifikata second hand (inklużi karozzi mgħammra b'lifts jew rampi għall-aċċess

tal-wheelchair) li tkun reġistrata diġà, ser jibdew jingħataw il-possibilità li jibbenefikaw minn sussidju ta' mhux aktar minn 10% fuq il-prezz tal-karozza. Dan apparti l-eżenzjoni tal-ħlas tar-reġistrazzjoni tat-taxxa. Biex vettura ta' dan it-tip tikkwalifika għas-sussidju, l-emissjonijiet tagħha jridu jkunu taħt il-180g ta' $CO_2$.

## Krediti tal-bolol għal dawk fuq l-Allowances tal-Carers

Persuni li jikkwalifikaw għall-Allowance tal-Carers Miżjuda jew għall-Allowance tal-Carers mhux miżjuda, sal-lum jikkwalifikaw għall-krediti tal-bolol li jgħoddu għall-pensjoni għall-perjodu li jkunu qed jieħdu xi waħda minn dawn l-allowances, jekk qabel dan iż-żmien ikunu ħallsu medja ta' mill-anqas 20 bolla fis-sena minn meta għalqu t-18-il sena 'l quddiem.

Mis-sena d-dieħla din il-medja ser inniżżluha għal 15-il bolla fis-sena bħalma hi fil-każ tad-dritt għall-pensjoni taż-żewġ terzi biex b'hekk aktar persuni li jkunu qed jagħmlu s-sagrifiċċju li jitilqu mid-dinja tax-xogħol biex jieħdu ħsieb anzjan qarib tagħhom jibdew jibbenefikaw minn dawn il-krediti.

Minkejja dan it-tijib xorta jista' jkun hemm persuni li ma jikkwalifikawx għall-krediti b'dan il-kejl u għalhekk kif wegħedna fil-Manifest Elettorali, lil min ma jkunx jikkwalifika għall-krediti kif spjegajt xorta ser nibdew nagħtuh sa 4 snin krediti ta' bolla.

Barra minn hekk, lil min ikun qed jieħu xi waħda mill-allowances tal-carers ser nibdew nagħtuhom l-opportunità li jekk ikollhom bżonn, iħallsu sa 5 snin bolol neqsin meta jagħlqu d-59 sena

sabiex itejbu d-dritt tal-pensjoni tal-irtirar tagħhom meta jilħqu l-età tal-irtirar.

## Rikonoxximent tad-dritt għall-Allowances tal-Carers ta' persuni li jgħixu flimkien

Minħabba li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn persuni li jkunu qed jgħixu flimkien ikollhom restrizzjonijiet legali biex jirreġistraw il-koabitazzjoni tagħhom, ser inkunu qed indaħħlu tibdil sabiex persuni li jkun ippruvat li ilhom jgħixu flimkien bħala koppja għal mill-anqas 10 snin, ikunu meqjusa bħala li jgħixu f'koabitazzjoni reġistrata u għalhekk jistgħu jibdew jikkwalifikaw għall-Allowances tal-Carers.

## Ġustizzja ma' benefiċjarji soċjali meta jieħdu ħsieb qarib anzjan

Persuni singoli li jkunu jgħixu għal rashom fuq l-assistenza soċjali u jmorru jgħixu ma' qarib anzjan biex jieħdu ħsiebu, jekk jikkwalifikaw għall-Allowance għal Carers mhux miżjuda, sal-lum ikollhom tnaqqis fid-dħul tagħhom.

Dan jiġri minħabba li ma jibqgħux intitolati għall-assistenza soċjali għax ma jibqgħux il-kap tal-familja waqt li r-rata tal-allowance li jibdew jirċievu tkun anqas.

Mill-1 ta' Jannar li ġej ser indaħħlu tibdil li bih dawn il-persuni xorta jibqgħu jirċievu l-istess ammont ta' benefiċċju li kienu jirċievu qabel u b'hekk ser inneħħu din l-anomalija.

## Residenza San Vinċenz

Fis-snin li ġejjin, ir-Residenza San Vinċenz ser tinvesti f'CT scanner ġdid li ser jiswa €1.6 miljun u ultrasound machine biex jissaħħaħ is-servizz tad-digital imaging. Ser ikompli għaddej il-proġett ta' rinnovar tas-Sala San Ġużepp li jiswa man-nofs miljun ewro filwaqt li ser jiġu estiżi s-servizzi fil-komunità minn San Vinċenz. Barra minn hekk, ser jinfetaħ ġnien fir-Residenza għall-persuni bid-dimenzja b'investiment ta' miljun ewro.

## Anzjanità Attiva

Matul l-2022, kompliet tingħata importanza biex aktar anzjani jkomplu jgħixu fil-komunità u jibqgħu attivi permezz ta' diversi inizjattivi fosthom l-estensjoni tas-servizz tas-Silver-T, żieda fil-finanzjament tal-iskema tal-Carer at Home u fis-sussidju tal-Home Helper of Your Choice u kampanja ta' screening kontra l-puplesija fejn l-anzjani setgħu jagħmlu testijiet mediċi bla ħlas.

## Outreach Clinic Ġdida f'Dar Padova Għajnsielem

Ser jiġu offruti faċilitajiet ġodda permezz ta' klinika vaskolari, podoloġija, occupational therapy, psikoterapija u interventi oħra. Dan jikkumplimenta s-servizzi diġà eżistenti li jingħataw miċ-ċentru ta' matul il-jum għall-persuni bid-dimenzja u ċentru ta' matul il-lejl fl-istess dar.

## Is-settur tal-volontarjat

Ser nestendu l-ispazji minn fejn l-għaqdiet volontarji jkunu jistgħu joperaw permezz ta' żieda tas-servizz ta' one-stop shop. Grazzi għal dan is-servizz, l-istess għaqdiet ser isibu informazzjoni, servizzi u sapport sabiex insaħħu l-għajnuna mogħtija lilhom taħt

saqaf wieħed filwaqt li nsostnu l-ħidma tagħhom fil-komunitajiet tagħna.

## MCESD

Irridu wkoll li l-imsieħba soċjali fl-MCESD ikomplu jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-konsultazzjoni qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet. Għalhekk bħal m'għamilna fil-passat, ser nużaw fondi Ewropej sabiex l-imsieħba soċjali ikunu jistgħu jagħmlu dan b'mod aħjar.

## Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

Sur President, fil-baġit tas-sena finanzjarja li għaddiet, il-Gvern kompla jinvesti fis-settur tal-akkomodazzjoni. Introduċejna l-kunċett tal-Akkomodazzjoni Affordabbli, bit-tnedija tal-Fondazzjoni konġunta mal-Knisja li sejra tiddedika ħidmitha esklussivament għal dan l-għan.

Ħabbarna li l-iskema ta' Nikru Biex Nassistu li permezz tagħha rnexxielna nżommu l-lista ta' stennija stabbli b'madwar 1,300 applikazzjoni għal akkomodazzjoni alternattiva li bħalissa qed jiġu pproċessati. Dan l-ammont huwa 'l bogħod ferm mil-lista ta' 3,000 li konna mdorrijin bihom qabel.

Varajna l-idea ta' care plan li jkopri kull aspett tal-ħajja tal-benefiċjarji li jiġu allokati post tal-housing. Fil-ġranet li ġejjin sejra tiġi ppubblikata Espressjoni ta' Interess biex jiġu ingaġġati għadd ta' professjonisti li ser jamministraw dan il-care plan personalizzat skont il-bżonnijiet ta' kull inkwilin ġdid tal-akkomodazzjoni soċjali.

Ġiet estiża l-iskema tal-Equity Sharing li kienet tapplika għal persuni ta' 40 sena 'l fuq, għal persuni li għandhom minn 30 sena 'l fuq kif ukoll naqqasna t-taxxa fuq il-bejgħ u x-xiri tal-proprjetà li tkun ġiet mikrija b'rati affordabbli.

## €10,000 grant għal first-time buyers

Sur President, kif wiegħed, dan il-Gvern sejjer jagħti għotja ta' €10,000 fuq medda ta' għaxar snin lil kull first-time buyer li jakkwista proprjetà ta' valur li ma jaqbiżx il-€500,000.

Din il-miżura ser tapplika għal kull akkwist li sar mill-1 ta' Jannar 2022 'l hawn, u mhux ser tkun soġġetta għal test tal-mezzi u ser titħaddem ma' kull bank kummerċjali li jopera f'Malta u Għawdex u li jagħti self fuq proprjetà residenzjali.

Nemmnu, Sur President, li din l-inizjattiva ser tagħti nifs qawwi liż-żgħażagħ tagħna biex isiru sidien ta' djarhom u imbuttatura fl-ewwel snin ta' wara li jagħmlu dan l-investiment importanti.

## Estensjoni tad-Deposit Payment Scheme biex tinkludi proprjetajiet sa massimu ta' €225,000

Lura fl-2020, dan il-Gvern daħħal skema biex persuni li jixtiequ jixtru proprjetà, u li kapaċi jakkwistaw self mingħand bank kummerċjali, iżda ma setgħux ifaddlu biżżejjed għad-depożitu tal-10%, xorta jkunu jistgħu jixtru d-dar residenzjali tagħhom.

Dan sar permezz ta' self bla interessi tal-ammont tal-10% li kien qiegħed jiġi garantit mill-Gvern mal-banek kummerċjali. Din l-iskema kienet tapplika għal xiri ta' proprjetà ta' valur massimu

ta' €175,000 u għamlet suċċess għax kellna madwar 200 kuntratt li ġie ffirmat minn benefiċjarji ta' din l-iskema.

Sur President, il-Gvern jixtieq li jkabbar is-suċċess ta' din l-iskema billi jżid il-valur massimu b'€50,000 sa massimu ġdid ta' €225,000 li jirrifletti aħjar il-valur medju tal-proprjetà fis-suq.

## Żieda fil-capping tal-Benefiċċju tal-Kera

Ser ngħollu l-capping tal-benefiċċju massimu tal-iskema għal €500 fix-xahar għal residenza one-bedroom, €600 fix-xahar għal residenza two-bedroom u €700 fix-xahar għal residenza three-bedroom biex naġġornaw it-termini u l-kundizzjonijiet tagħha biex jirriflettu aħjar ir-realtà tal-lum.

## Garanzija New Hope

Din is-sena bdiet topera l-iskema Garanzija New Hope fejn diġà ġew approvati għadd ta' applikazzjonijiet ta' persuni li ser jakkwistaw self mingħand il-bank APS. Fil-ġimgħat li ġejjin, żewġ banek prominenti oħra sejrin jidħlu fl-iskema, filwaqt li oħrajn qegħdin f'negozjati avvanzati biex jipparteċipaw.

## Tneħħija mit-test tal-mezzi għas-sussidji soċjali mogħtija lil persuni b'diżabilità

F'dan il-baġit sejrin ukoll neliminaw anomalija li kellna fis-servizzi soċjali tagħna, li fihom ninkludu l-benefiċċji kollha relatati mal-housing. Kellna sitwazzjoni fejn persuni b'diżabilità kienu qegħdin jiġu mċaħħda minn ċertu għajnuniet għaliex l-għotjiet li kienu jingħataw lilhom minħabba d-diżabilità tagħhom kienu jidħlulhom fit-test tal-mezzi.

Minn issa 'l quddiem, sejrin neliminaw l-introjtu kollu li ġej minn allowances tad-diżabilità mill-komputazzjoni tat-test tal-mezzi għal skemi maħruġa mill-Awtorità tad-Djar u b'hekk ser inkomplu ngħinu persuni b'diżabilità jgħixu ħajja independenti u jaċċessaw is-suq tal-proprjetà u tal-kirjiet b'mod sħiħ.

## Kapitlu 3 - Sostenibbiltà fil-finanzi pubbliċi

Ngħaddi issa sabiex nispjega kif dak li għadni kif ħabbart bħala miżuri fl-enerġija u l-qasam soċjali huma sostenibbli mil-lat ekonomiku u fil-qafas fiskali tal-Gvern. Matul is-sena 2021, l-ekonomija Maltija kompliet l-irkupru tagħha mill-pandemija u kibret b'10.3%. Dan it-tkabbir kien 4.9 punti perċentwali iktar minn dak tal-Unjoni Ewropea, tant li Malta kienet waħda mill-ekonomiji li rkuprat l-iktar malajr mill-pandemija.

Madankollu, il-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna ġedded it-theddida għad-disponibbiltà ta' provvisti essenzjali bħall-enerġija, il-ħadid u l-azzar, il-komoditajiet agrikoli bażiċi u l-għalf tal-annimali, filwaqt li komplew il-problemi fin-netwerks tat-trasport u dawk loġistiċi. Dan aggrava l-pressjonijiet inflazzjonarji li kienu diġà nqabdu mit-tfixkil fis-supply chains ikkawżat mill-pandemija.

Minkejja dan kollu, l-ekonomija Maltija kompliet turi prestazzjoni aħjar matul l-ewwel nofs ta' din is-sena, kemm mid-domanda domestika kif ukoll mill-esportazzjonijiet netti. Dan kien primarjament minħabba l-fatt li t-turiżmu rkupra b'aktar milli kien mistenni. Kien hemm ukoll prestazzjoni b'saħħitha fl-esportazzjoni ta' servizzi teknoloġiċi, professjonali u anki fl-industrija tal-logħob kif ukoll prestazzjoni tajba f'xi aspetti tal-manifattura.

L-ekonomija Maltija mistennija żżomm il-momentum pożittiv fit-tieni nofs tas-sena, għalkemm bi tkabbir aktar kajman. Dan huwa konsistenti ma' tnaqqis preżunt fl-ekonomija globali, inċertezza akbar li tirriżulta mill-gwerra fl-Ukrajna, filwaqt li l-inflazzjoni

għolja hija mistennija li tibda tiżen fuq id-dħul reali disponibbli u fuq it-tfaddil żejjed akkumulat matul il-pandemija.

F'dan l-isfond, l-ekonomija Maltija mistennija tikber b'6.0% f'termini reali matul l-2022. Id-domanda domestika mistennija tkun il-mutur ewlieni tat-tkabbir ekonomiku, li tikkontribwixxi 4.4 punti perċentwali għat-tkabbir, filwaqt li l-esportazzjoni netta mistennija tikkontribwixxi 1.8 punti perċentwali, immexxija minn żviluppi pożittivi fit-turiżmu. Barra minn hekk, l-inventarji mistennija jipproduċu tnaqqis ta' 0.1 punti perċentwali għat-tkabbir.

F'dan il-kuntest, l-ekonomija Maltija mistennija tirreġistra tkabbir b'saħħtu fl-impjiegi ta' 4.0%, filwaqt li l-livell tal-qgħad mistenni jilħaq rata baxxa ta' 3.1%. L-inflazzjoni mistennija tilħaq il-5.7%, primarjament minħabba żidiet fil-prezzijiet tal-ikel u s-servizzi. Kieku l-Gvern ma ssussidjax il-prezzijiet tal-enerġija u ċ-ċereali, din il-figura tal-inflazzjoni skont l-aħħar stimi, hi stmata li kienet tkun madwar 12.8%.

Fl-2023, l-ekonomija Maltija hija mbassra li tikber bi 3.5% f'termini reali, u b'7.3% f'termini nominali. Id-domanda domestika hija mistennija li tikkontribwixxi 2.5 punti perċentwali, filwaqt li l-esportazzjonijiet netti huma mistennija li jikkontribwixxu biss b'mod marġinali 0.9 punti perċentwali għat-tkabbir, f'konformità mad-deterjorazzjoni fl-ambjent estern li tiegħu m'għandniex kontroll.

Il-konsum privat huwa mistenni li jikber b'mod aktar moderat b'4.0%. Fl-2023, minkejja żieda proġettata fl-ispejjeż tas-self, l-investiment huwa antiċipat li jikber b'5.9%.

L-ambjent estern mistenni jiddeterjora b'mod sinifikanti fl-2023, peress li n-nuqqas ta' provvista ta' enerġija fl-Ewropa huwa mistenni li jwassal għal ambjent inflazzjonarju fit-tul, li jwassal għal kundizzjonijiet finanzjarji aktar stretti, li se jrażżnu t-tkabbir.

Dan it-tnaqqis fl-ekonomija globali huwa antiċipat li jirriżulta fi tnaqqis fl-esportazzjonijiet, li mistennija jikbru b'rata iktar kajmana ta' 2.5%, appoġġjati minn kontinwazzjoni tal-irkupru fit-turiżmu u tkabbir fl-esportazzjoni ta' servizzi oħra. L-importazzjonijiet huma mbassra li jikbru b'mod moderat ta' 2.0%, f'konformità ma' tnaqqis fl-attività ekonomika esterna, għalkemm appoġġjati minn irkupru fl-investiment.

B'dan it-tkabbir previst, ifisser li s-sena d-dieħla qed nistennew li jkollna żieda ta' 3.4% fl-impjiegi filwaqt li l-livell tal-qgħad mistenni jibqa' relattivament baxx, b'rata ta' 3.1%. L-inflazzjoni mistennija tbatti għal 3.7% hekk kif iż-żidiet fil-prezzijiet tal-ikel u s-servizzi huma mistennija li jippersistu, iżda b'rata iktar moderata.

Minkejja s-saħħa tal-ekonomija Maltija, il-klima ekonomika inċerta li għad hawn madwarna kompliet issostni l-bżonn biex il-Gvern jintervjeni u jkun ta' sostenn għat-tkabbir ekonomiku. Skont stimi mill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, mingħajr dan l-appoġġ tal-Gvern, l-ekonomija kienet tieħu daqqa ta' madwar 2.3% filwaqt li l-inflazzjoni kienet tkun fost l-ogħla fl-Ewropa, madwar

7.1 punti perċentwali aktar milli fil-fatt hi bħalissa. Ir-rata ta' riskju tal-faqar kienet tiżdied bi kważi punt perċentwali għal 16.3%.

Dan l-intervent b'saħħtu li l-Gvern huwa lest illi jkompli jsostni sakemm ikun hemm bżonn, kellu impatt fuq il-finanzi tal-Gvern. Madankollu, id-defiċit xorta waħda se jirnexxielna nniżżluh minn 7.8% is-sena l-oħra għal 5.8% kif bassart fil-baġit li għadda. Irrid ngħid Sur President, li kienu ħafna s-sena l-oħra li qalu li din is-sena se mmur żmerċ fil-miri finanzjarji u li qed inkun ottimist iżżejjed. Illum b'sodisfazzjon ngħid li l-boċċa ġibtha qrib il-likk aktar minn kemm ħaseb kulħadd.

Dan it-tnaqqis fid-defiċit kien in parti attribwit għal ħidma sfiqa mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Meta taqta' t-tkabbir ekonomiku, il-Kummissarju tat-Taxxi ġabar €120 miljun iżjed. Dan huwa frott il-ħidma biex insaħħu l-infurzar kif ukoll l-introduzzjoni ta' diversi miżuri, bħaż-żieda fl-interessi għal min ma jħallasx fil-ħin, li qed iwasslu għal dawn l-għexieren ta' miljuni iktar.

Filwaqt li ser nibqgħu nkunu ekwi ma' kull min jinsab f'diffikultà, mhux la fl-interess tan-negozju u wisq inqas tat-taxpayer li negozju jfalli, ser naraw li dak kollu dovut skont il-liġi, jinġabar. B'dawn il-€120 miljun addizzjonali, il-Gvern jista' jinvesti iżjed biex jipproteġi għax il-Gvern dak xogħlu, mhux li jkun overdraft facility.

Ngħaddi issa biex nitkellem ftit fuq id-dejn. Id-dejn pubbliku bħala proporzjon mill-PDG, mistenni jkun ta' 57.0% fl-2022.

Ta' min wieħed jinnota illi d-dejn għadu iktar baxx mill-kriterji Ewropej ta' 60.0%, frott ta' politika fiskali responsabbli fl-aħħar snin li tatna l-ispazju neċessarju biex insostnu l-ekonomija meta jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali.

Minkejja dawn ir-riżultati, u konxji tal-wegħda tagħna li nkomplu nsostnu l-ekonomija f'dan iż-żmien diffiċli, il-Gvern jibqa' kommess illi jżomm il-kontroll fuq il-finanzi pubbliċi.

Huwa mbassar li s-sena d-dieħla d-defiċit tal-Gvern jibqa' viċin dak mistenni għal din is-sena u jlaħħaq il-5.5%. Minkejja pjanijiet li jekk il-gwerra fil-Lvant tal-Ewropa tibqa' għaddejja, aħna nkomplu nagħtu s-sostenn biex nikkontrollaw il-prezzijiet ta' prodotti u servizzi bażiċi, id-defiċit mistenni jinżel aktar fis-snin ta' wara sakemm jinżel taħt it-3.0% fl-2025.

Il-pjan tagħna huwa li d-dejn pubbliku kemm jista' jkun inżommuh viċin jew taħt is-60.0% u s'issa t-tbassir jindika li dan huwa possibbli u wara l-2024 id-dejn pubbliku bħala perċentwal tal-PDG jerġa' jaqbad ir-ritmu 'l isfel.

Sur President, nixtieq inkun ċar man-nies.

It-tnaqqis fit-taxxa tad-dħul hija waħda li fil-bidu tas-sena kont qed nara li nimplimentaw f'dan il-baġit. Iżda l-iżviluppi li seħħew fil-kamp internazzjonali u l-ħtieġa li nagħtu ċertezza u stabbiltà biex nipproteġu lill-familji u lin-negozji bl-iktar mod ġust u sostenibbli, ifisser li l-pajjiż kellu jħares l-ewwel lejn prijoritajiet oħra.

La wegħednieha, se nwettquha żgur fil-mument opportun. Kif rajna f'pajjiżi oħra t-tnaqqis fit-taxxi mhux responsabbli kapaċi jħarbtu pajjiż sħiħ. Il-miżuri fiskali u ekonomiċi li nagħmlu llum iridu jkunu jagħmlu sens mal-kuntest tal-ekonomija tagħna. Fejn f'dan il-baġit qed indaħħlu krediti ta' taxxa dan qed nagħmluh fuq attivitajiet partikolari, b'mod li jirriflettu l-prinċipji tagħna favur il-familji u n-negozji li jinvestu fis-sostenibbiltà u d-diġitalizzazzjoni.

Filwaqt li t-tnaqqis fit-taxxa kien se jħalli medja ta' €510 fil-but tal-familji fejn tnejn jaħdmu, il-politika tal-enerġija tal-Gvern qed tiffranka medja ta' €1,300 fil-kont tad-dawl u medja ta' €700 għal kull karozza fl-ispiża tal-fjuwil għal familja medja. U dan qed insemmi miżura waħda biss mill-ħafna li diġà semmejt. Biex kulħadd jifhem kemm gawdew iktar il-familji bid-deċiżjonijiet tagħna.

Il-Bank Ċentrali Ewropew qed imur lejn politika ta' tight monetary policy biex tiġi mrażżna l-inflazzjoni fuq livell Ewropew. Tnaqqis fit-taxxa tad-dħul f'dan l-istadju ma jkunx allinjat ma' din il-politika u jista' jibgħat messaġġi kunfliġenti fl-ekonomija.

Sur President, kif spjegajt fil-ġimgħat li għaddew, id-dejn huwa l-aktar metrika b'saħħitha ta' kif wieħed ikejjel is-saħħa u s-sostenibbiltà finanzjarja ta' gvern.

Għalhekk wara li tajt spjegazzjoni teknika, issa xtaqt nispjega aħjar bi ftit eżempji ħalli nserraħ moħħ kulħadd li dan il-pajjiż mhux jitgħabba b'piż ta' dejn akbar jew li ma jiflaħx għalih. Għax anke hawnhekk sħabna tal-Oppożizzjoni jagħtu l-figuri waħidhom u astratti biex ibeżżgħu.

Niġi għal eżempju numeriku billi nqabbel żewġ familji. Familja jista' jkollha €2,000 dejn u d-dħul tagħha jkun ta' €20,000. Dak ifisser li d-dejn mad-dħul tagħhom ikun ta' 10%. Familja oħra għandha €3,000 dejn, imma d-dħul tagħha huwa ta' €40,000, jiġifieri l-piż tad-dejn huwa ta' 7.5%.

Għat-tieni familja, il-valur assolut tad-dejn huwa ikbar, imma fil-verità l-ekonomisti jħarsu lejn il-piż jew inkella l-persentaġġ imqabbel mad-dħul. Għalhekk fi kliem ieħor, mhux il-livell li jgħodd, iżda l-piż ta' x'tiflaħ iġġorr il-familja bid-dħul tagħha. L-istess, il-pajjiż.

Fl-Economics, fl-ewwel sena l-Università, titgħallem li jekk id-dejn b'mod assolut jiżdied sena wara sena imma bħala persentaġġ tal-PDG jibqa' l-istess, dik hija xi ħaġa pożittiva u tfisser li l-ġid xorta waħda qed jikber u l-pajjiż qed jipprogressa. Jekk taħsbu li l-Maltin mhumiex kapaċi jindunaw u jifhmu dan kollu, sejrin żbaljati.

Sena wara sena l-varjazzjoni tad-dejn mal-ekonomija baqgħet fl-istess ilmijiet. Pajjiżi oħra għandhom proporzjon ta' dejn mal-PDG ta' 150% u anke kważi 200%. F'ħafna pajjiżi l-figura hija ikbar minn 100%. Kif ghidt, f'Malta, il-figura hija ta' madwar 60%.

Jiġifieri meta tagħmlu l-argument li l-Gvern tilef il-kontroll tad-dejn, in-numri jgħidu mod ieħor. In-numri jgħidu bil-kontra, li għadkom u ser tibqgħu tkunu żbaljati. Fuqha din, *you are dead wrong*.

## Kapitlu 4 - Inkomplu ninvestu fin-nies

Sur President, f'dawn l-aħħar għaxar snin fil-qasam tax-xogħol ksibna riżultati importanti b'rati ta' qgħad jinżlu kull sena. Rajna wkoll rati ferm ogħla ta' nisa u żgħażagħ jaħdmu. Illum l-isfida m'għadhiex li persuna ssib xogħol, imma x'valur u introjtu dik il-persuna qiegħda tikseb mix-xogħol tagħha. Għalhekk biex pajjiżna jkun jista' jikseb livell ta' għajxien aħjar, irridu nivvalorizzaw iżjed is-siegħa ta' xogħol tal-ħaddiem permezz ta' kwalità u produttività aħjar ta' dik il-ħidma.

Il-Politika Nazzjonali għax-Xogħol 2021-2030 timxi fuq dawn il-linji. Bħalissa għaddejja l-ħidma fuq iċ-ċensiment nazzjonali tal-ħiliet li ser ikun qed jagħti stampa oġġettiva tal-ħiliet tas-suq preżenti. Wara dan il-pass ser isir awditjar tal-ħiliet diġitali.

Ser inniedu wkoll proċess ta' konsultazzjoni biex tiġi mibnija politika nazzjonali għal ekonomija migratorja, li tiġi rakkomandazzjoni 22 tad-dokument tal-Politika Nazzjonali għax-Xogħol, fejn fiha ser naraw il-passi li jeħtieġu jsiru filwaqt li nimxu 'l quddiem b'mod sostenibbli għall-pajjiż.

Ma' dan il-pass, is-sena d-dieħla ser jibda x-xogħol fuq ir-rakkomadazzjonijiet numru 38, 39 u 40 fejn fihom ser naraw li pajjiżna jkollu l-viżibiltà u l-għarfien meħtieġ biex jintroduċi policies sensibbli fil-qasam tal-ħaddiema minn pajjiżi terzi.

Fost dawn il-miżuri hemm li nsaħħu l-kapaċità ta' riċerka analitika tas-suq, biex permezz tat-teknoloġija niffaċilitaw il-bżonnijiet temporanji u ċikliċi kemm tal-ħaddiem u kemm ta' min iħaddem

kif ukoll biex nevalwaw il-bżonnijiet tan-negozji u l-ħiliet li s-suq b'mod preżenti ma jistax jimla.

Il-prinċipju ewlieni madanakollu jibqa' dejjem li ntejbu s-suq lokali qabel inħarsu lejn ħiliet minn pajjiżi terzi.

## Nippremjaw lil min hu bieżel

Il-Baġit li għadda kien wieħed fejn komplejna ntejbu l-pagi tal-ħaddiema permezz tat-traħħis fit-taxxa tal-part-time minn 15% għal 10%, it-tnaqqis fit-taxxa tal-overtime għal 15% fuq l-ewwel €10,000 dħul mill-overtime u ż-żieda fil-benefiċċju tal-In-Work Benefit fejn apparti li żidna r-rati, għollejna l-limitu biex aktar nies ikunu eliġġibli għal dan il-benefiċċju. In-nefqa totali fuq dawn it-tliet miżuri ser tammonta għal €20 miljun.

Bi pjaċir inħabbar, barra dawn il-miżuri, it-Tax Refund li ngħatat f'dawn l-aħħar snin minn dan il-Gvern u li s-sena l-oħra żidnieha b'mod sostanzjali, ser terġa' tingħata s-sena d-dieħla. Iċ-ċekk issa ser ikun bejn €60 u €140 (ara Tabella 4.1) bl-ogħla rifużjoni tibqa' tingħata lil dawk bl-aktar dħul baxx.

Minn din il-miżura ser jibbenefikaw 'il fuq minn 250,000 persuna b'nefqa totali ta' €26 miljun.

## Aġġustament għal ħelsien mit-taxxa għal pensjonanti attivi

Fil-Baġit li għadda ħabbarna li f'temp ta' 5 snin, id-dħul mill-pensjoni mhux ser jibqa' jiġi kkalkulat bħala dħul għal fini tat-

taxxa. Dan sabiex ninkoraġġixxu l-pensjonanti jibqgħu attivi u jkomplu jaħdmu wara li jilħqu l-età tal-irtirar.

F'dan l-isfond din is-sena madwar 20% tad-dħul mill-pensjoni mhux ser jibqa' jiġi kkalkulat bħala dħul għal fini tat-taxxa filwaqt li għas-sena d-dieħla l-ammont injorat għal fini tat-taxxa ser jiżdied għal 40%.

Din il-miżura ser tiswa b'kollox €27 miljun fejn ser jibbenefikaw kważi 17,000 pensjonant.

### In-Work Benefit għal ħaddiema b'ħinijiet atipiċi

Lejn l-aħħar ta' din is-sena, dawk il-ħaddiema li għandhom paga bażika li ma teċċedix l-€20,000 li jaħdmu ħinijiet atipiċi fis-setturi tal-akkomodazzjoni u servizzi tal-ikel, servizzi amministrattivi u ta' sapport, manifattura, trasport u ħażna, u bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, ser ikunu qed jirċievu għotja ta' €150. Kif imwiegħed, din il-miżura ser tiġi estiża għas-sena d-dieħla u b'hekk dawn il-ħaddiema ser ikunu qed jirċievu ċekk ta' €150 oħra.

### Aktar tnaqqis fit-taxxa tad-dħul għal awturi u ko-awturi

Sur President, fil-leġiżlatura li għaddiet naqqasna t-taxxa fuq dħul li jirċievu awturi u ko-awturi minn royalties fuq bejgħ ta' kotba tagħhom għal 15%. Irridu nagħtu l-appoġġ kollu possibbli lil-Letteratura u lill-awturi Maltin u għalhekk ser nerġgħu nnaqqsu din it-taxxa bin-nofs għal 7.5%.

## L-impatt tal-għoli tal-ħajja fuq il-ħaddiema tal-Gvern u kuntratturi tal-privat

L-għoli tal-ħajja impatta l-ftehimiet kollettivi u r-relattività ta' bejn il-gradi fis-settur pubbliku u għalhekk il-Gvern ser ikun qed jilqa' proposta mit-trade unions fuq kif nistgħu ntaffu d-daqqa tal-għoli tal-ħajja għal ftehimiet li kienu jinkludu l-COLA u kif r-relattività ma titħarbatx.

Din il-proposta ser tiġi implimentata s-sena d-dieħla b'nefqa ta' €10 miljun.

Simili ta' dan, il-Gvern ser ikun qed jara li l-ħaddiema tas-settur privat li jaħdmu bħala parti minn kuntratt tal-Gvern jieħdu ż-żieda sħiħa tal-għoli tal-ħajja hekk kif il-Gvern ser ikun qed joħroġ id-differenza mar-rati stabbiliti.

In-nefqa ta' din il-miżura hija ta' €3 miljun u għandha l-għan aħħari li twieżen lill-ħaddiema b'mod ekwu.

## Paga Minima

Bħala Kunsill Ekonomiku u Soċjali, l-MCESD qed imexxi diskussjonijiet relatati mal-paga minima fi ħdan il-Low Wage Commission. Dan sabiex tinstab pożizzjoni komuni għall-pajjiż li tkun ta' ġid kemm għall-ħaddiema kif ukoll għan-negozji.

## Bilanċ Bejn Xogħol u l-Ħajja Privata

Żidna l-leave tal-paternità minn ġurnata jew jumejn għal għaxart ijiem bi ħlas, introduċejna xahrejn leave tal-ġenituri (Parental

Leave) għal kull ġenitur li jiġu mħallsa bir-rata tal-benefiċċju tal-mard.

Ma' dan ġie introdott ukoll leave ta' ħamest ijiem bla ħlas għall-persuni li jindukraw qarib jew persuna li tgħix fl-istess dar u li jeħtieġu indukrar għal raġuni medika. Apparti minn hekk, ser jibda wkoll studju dwar reviżjoni u armonizzazzjoni tal-Wage Regulation Orders.

## Rinnovar tal-Iskejjel

Dan hu baġit ieħor b'investiment b'saħħtu fl-edukazzjoni.

Matul is-sena d-dieħla ser jitlesta x-xogħol fl-Iskola ta' Ħal Għaxaq, fl-Iskola tal-Imsida u tal-Primarja fir-Rabat Malta, kif ukoll il-bini ta' kumpless sportiv fl-Iskola ta' Santa Luċija. Ser jitkompla x-xogħol fuq l-Iskola tan-Nadur Għawdex.

Barra minn hekk, wara li neħħejna r-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija, ser nerġgħu nintroduċu d-distribuzzjoni ta' frott u ħaxix frisk fl-iskejjel primarji u nibdew diskussjoni biex tibda din l-inizjattiva fl-iskejjel sekondarji wkoll.

## Laptop ġdid lil kull student fis-seba' sena

Kif wegħedna fil-Manifest Elettorali ser nestendu l-inizjattiva one-tablet-per-child u nqassmu laptop ġdid lil kull student fis-seba' sena mis-sena skolastika li jmiss.

### Insaħħu l-programmi eżistenti ta' scholarships u tax credits

Ser insaħħu l-programmi eżistenti ta' scholarships u tax credits għal dawk l-istudenti li jixtiequ javvanzaw bl-istudji tagħhom fil-livell ta' Masters u Dottorat, anke permezz ta' fondi taħt il-Fond Soċjali Ewropew.

### Estensjoni ta' Skemi ta' Taħriġ

Ser inkomplu bl-iskema tal-Youth Guarantee b'investiment ta' madwar €10 miljun kif ukoll l-iskemi ta' taħriġ bħat-Training for Employment u Investing in Skills u l-iskemi Access to Employment u Vaste.

### L-Att tal-Università

Fuq livell Nazzjonali ser nissoktaw bid-diskussjonijiet biex jitlesta u jiġi pprezentat l-Att għall-Università. Din il-liġi ser tkun marbuta mal-Att dwar l-Edukazzjoni li daħal fis-seħħ lejn tmiem is-sena li għaddiet u tikkumplimenta l-Att għall-MCAST.

### Istitut għall-Istudji Turistiċi

Kif ġie mwiegħed, fil-jiem li ġejjin se jinbeda x-xogħol fuq il-kampus ġdid għall-Istitut tal-Istudji Turistiċi fi Smart City.

L-ITS qiegħda taħdem fuq proċess ta' ristrutturar operattiv li permezz tiegħu ser tkun qiegħda timplimenta l-pjan strateġiku tagħha.

Barra minn hekk, ser inkunu qed naraw li l-ITS testendi l-ambitu akkademiku tagħha għal programmi akkreditati minnha stess sa livell MQF 7.

## Ftehim Settorjali ġdid għall-edukaturi

F'Jannar li ġej ser jibdew id-diskussjonijiet dwar ftehim settorjali ġdid għall-edukaturi.

## Riċerka u Innovazzjoni

Fl-2023 ser inżidu l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni fosthom permezz ta' programm ġdid Technology Extension Support b'investiment sostanzjali ta' €5 miljun fejn permezz tal-parteċipazzjoni mis-settur privat, ser niffinanzjaw proġetti innovattivi f'diversi oqsma. Ser inwessgħu wkoll il-parteċipazzjoni fil-programm Horizon Europe u ser insaħħu n-National STEM Community Fund.

## Tabella 4.1: Żieda fit-Tax Refund

| **Komputazzjoni: Singola** | **Ammont** |
|---|---|
| **Dħul** | |
| | **2023** |
| €0 - €15,000 | €125 |
| €15,001 - €30,000 | €95 |
| €30,001 - €59,999 | €60 |
| | |
| **Komputazzjoni: Miżżewġin** | |
| **Dħul** | |
| | **2023** |
| €0 - €20,000 | €140 |
| €20,001 - €40,000 | €110 |
| €40,001 - €59,999 | €65 |
| | |
| **Komputazzjoni: Ġenitur** | |
| **Dħul** | |
| | **2023** |
| €0 - €15,000 | €135 |
| €15,001 - €30,000 | €105 |
| €30,001 - €59,999 | €60 |

# Kapitlu 5 - Ekonomija li tibqa' tikber

Bħall-kumplament tad-dinja, anke pajjiżna ħass l-impatt li ħalliet il-pandemija u li qed tħalli l-gwerra fl-Ukrajna, madankollu l-ekonomija tagħna baqgħet għaddejja b'mod reżiljenti u l-andament ekonomiku f'pajjiżna għaddej b'ritmu tajjeb. Dan ma sarx b'kumbinazzjoni, iżda huwa frott tal-investiment li sar fl-infrastruttura industrijali u kif ukoll strateġija li tħares lejn iktar diversifikazzjoni u sostenibbiltà fl-ekonomija.

L-istrateġija għaż-żmien li ġej ser tkun iffukata biex nissalvagwardjaw dawk l-industriji li qed irendu tkabbir filwaqt li nikkultivaw kultura ta' innovazzjoni għal niċeċ u setturi ekonomiċi ġodda li jikkontribwixxu għat-tkabbir sostenibbli.

## Insaħħu l-ekosistema tal-istart-ups f'pajjiżna

Matul is-sena li għaddiet Malta Enterprise assistiet f'35 proġett ta' Start-ups, b'investiment totali ta' €22 miljun.

Is-sena d-dieħla ser inkunu qed inniedu one-stop shop taħt il-brand Start in Malta. Dan il-one-stop shop ser joffri servizzi ta' assistenza sabiex aktar start-ups ikunu jistgħu jiġu stabbiliti f'pajjiżna kif ukoll assistenza fl-applikazzjonijiet tal-iskemi amministrati minn Malta Enterprise u entitajiet oħrajn f'pajjiżna. Ser naraw ukoll li nniedu f'pajjiżna l-EU Start-ups Summit. Konferenza internazzjonali li ġġib lejn pajjiżna wħud mill-aqwa start-ups Ewropej.

### Business Incubation Centre ġdid

L-isforzi kollha li qed isiru fil-qasam tal-Istart Ups innovattivi għandhom iwasslu wkoll biex pajjiżna jkollu Business Incubation Centre ta' livell għoli. Il-Malta Enterprise, li timmaniġġja l-Kordin Business Incubation Centre, ser tkun qed tiżviluppa permezz ta' fondi Ewropej Business Incubation Centre ġdid attrezzat sabiex ikun touch down facility tal-aqwa kwalità għal Start-ups innovattivi li qed ikomplu jiddiversifikaw l-ekonomija ta' Malta.

### Investiment fl-Intrapriżi Żgħar u Medji

Is-sena d-dieħla ser inkomplu noffru opportunitajiet ta' cash grants b'investiment ta' madwar €40 miljun għall-intrapriżi żgħar u medji taħt l-iskemi Business Enhance. Barra minn hekk, Malta ser tkun ukoll qed tipparteċipa fl-inizjattiva InvestEU b'opportunitajiet oħra għall-intrapriżi. L-istrumenti finanzjarji għan-negozji b'fondi Ewropej ser jitkomplew fis-snin li ġejjin.

### Digital Innovation Hub

Żvilupp importanti ferm din is-sena kien, l-għażla mill-Kummissjoni Ewropea biex il-proposta ta' Malta għall-proġett ta' Digital Innovation Hub (DIH), jiġi ffinanzjat minn fondi Ewropej. Id-DIH għandu l-għan li jipprovdi opportunitajiet ta' trasformazzjoni diġitali lill-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs) u Start-ups, permezz ta' teknoloġiji bħal Intelliġenza Artifiċjali, Cyber High Performance Computing (HPC) u cloud solution.

## Għajnuna biex in-negozji Maltin u Għawdxin jinvestu f'business models diġitali u sostenibbli

Malta Enterprise ser tkun qed tirdoppja l-assistenza finanzjarja f'forma ta' cash grants għal kumpaniji Maltin kollha li jinvestu fi proġetti diġitali u sostenibbli. Fil-fatt issa l-għotja se tkun qed tkopri 50% tal-investiment eliġibbli, sa massimu ta' €100,000.

In-negozji Għawdxin kif ukoll start-ups ser jibqgħu jibbenefikaw minn assistenza finanzjarja addizzjonali ta' 10% f'forma ta' kreditu ta' taxxa, liema għotja tista' tirdoppja għal 20% jekk il-kumpaniji jinvestu fi proġetti li jnaqqsu l-carbon footprint tal-operat.

Ser inkunu qegħdin nirdoppjaw ukoll il-kreditu ta' taxxa li dawn in-negozji jistgħu jibbenefikaw minnu, meta jinvestu fil-kumpaniji tagħhom stess.

Fil-fatt issa l-intrapriżi Maltin ser ikunu jistgħu jibbenefikaw minn massimu ta' €40,000 fi kreditu ta' taxxa meta jinvestu fi proġetti diġitali, proġetti li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u l-ilma jew f'investimenti li jżidu l-effiċjenza billi jnaqqsu l-ħela ta' materja prima jew skart.

Minn din iż-żieda ser ikunu jistgħu jibbenefikaw in-negozji kollha f'pajjiżna, inkluż dawk żgħar u medji, dawk li jaħdmu għal rashom u anke n-negozji tal-familja.

## Se nżidu l-assistenza għan-negozji biex jilħqu l-kriterji tal-ESG

Il-Malta Enterprise ser tkun qiegħda tiżviluppa linji gwida biex il-kumpaniji jiksbu l-kredenzjali tal-ESG (Environmental, Social, Governance). Dan il-proċess ser nestenduh ukoll f'forma ta' sapport tekniku għan-negozji żgħar u medji permezz ta' kollaborazzjoni ma' pajjiżi Ewropej li bħalna jridu jixprunaw lin-negozji tagħhom sabiex jagħmlu din il-qabża fil-kwalità.

## Fond ta' Venture Capital

Għaddej studju dwar it-twaqqif ta' Fond ta' Venture Capital. L-għan huwa li jkun hemm qafas għal fondi ta' Venture Capital immirati li jgħinu jistabbilixxu l-industriji f'Malta.

## Osaka Expo

Għal darb'oħra l-Gvern ikkonferma li ser ikun qed jipparteċipa fil-World Expo tal-2025 li din id-darba ser issir f'Osaka fejn pajjiżna ser ikun fost 150 pajjiż ieħor biex jesponi l-ekonomija, it-teknoloġija, it-turiżmu u dak kollu li għandna x'noffru bħala pajjiż li miexi 'l quddiem.

## Ninċentivaw lill-intrapriżi li jinvestu

Is-sena l-oħra daħħalna benefiċċju biex nirrikonoxxu l-investiment li sar minn gruppi ta' kumpaniji biex sostnew negozji milquta mill-Covid-19.

Biex nippremjaw l-investiment konna ħriġna skema li tippermettilhom jieħdu l-benefiċċju fuq investimenti milquta mill-

pandemija u jużawhom favur it-taxxa fuq dħul minn kumpaniji li baqgħu sostenibbli.

Aħna rridu ninkoraġġixxu u nserrħu moħħ kulħadd li f'Malta l-investiment jiġi ppremjat.

Għalhekk, qegħdin nestendu din l-iskema għal sena oħra. B'hekk gruppi ta' kumpaniji li kellhom allowances tal-kapital mhux assorbiti jew mhux użati fis-sena 2020 u 2021 minħabba telf imġarrab fil-pandemija jkunu jistgħu japplikaw għal dan il-benefiċċju ta' tnaqqis fit-taxxa kontra kwalunkwe dħul taxxabbli minn kumpaniji oħra, li jifformaw parti mill-istess grupp, għas-sena 2022 (Sena ta' Assessjar 2023) ukoll.

## Inkomplu ntaffu ż-żieda fil-prezzijiet tat-trasport internazzjonali lin-negozji

Is-sena li għaddiet estendejna l-inċentiva tas-sussidju fuq il-kera fuq numru kbir ta' negozji eliġibbli. Dan wassal għal madwar €700,000 f'assistenza diretta lin-negozji Maltin u Għawdxin.

Mis-sena d-dieħla n-negozji Maltin ser ikunu jistgħu jibbenefikaw minn assistenza finanzjarja ta' €50,000 flok €25,000 kull sena għall-ewwel tliet snin ta' din l-assistenza. Ser nirduppjaw ukoll il-perjodu li fih in-negozji tagħna ser ikunu jistgħu jibbenefikaw minn din l-iskema minn tliet snin sa massimu ta' sitt snin.

## Simplifikazzjoni għan-negozji

Ħtarna kumitat li qiegħed jaħdem flimkien mal-istakeholders fuq id-dritt għal kont bankarju bażiku għan-negozji, kif ukoll Credit

Review Office li jiffaċilita kemm l-interessi tal-banek kummerċjali u tal-klijenti tagħhom dwar l-applikazzjonijiet għal self. Qed tiġi studjata wkoll il-proposta li jsir repożitorju ta' due diligence.

Fuq dan il-ħsieb ukoll il-Malta Business Registry qiegħda taħdem sabiex is-servizzi kollha li toffri lin-negozji, jiġu mmodernizzati b'teknoloġija ġdida bil-għan li tiżdied l-effiċjenza, trasparenza u kontabbiltà.

## Opportunitajiet ġodda ta' investiment

Bi sħubija mas-settur privat ser nibqgħu naraw li nagħtu l-ħajja mill-ġdid lill-postijiet li sal-lum pajjiżna mhux jisfrutta biżżejjed il-potenzjal tagħhom, minbarra li mhux jieħu ħsiebhom kif xieraq.

Għalhekk, il-Kabinett approva biex jinħarġu sejħiet ta' espressjoni ta' interess bil-għan li Evans Building u l-eks Pixkerija fil-Belt Valletta, u x-Chalet f'Tas-Sliema jingħataw il-ħajja mill-ġdid. Irridu naraw proġetti ta' livell li jirrispettaw il-valur tal-post, li jkunu sostenibbli u li joħolqu opportunitajiet ġodda. Ma' dawn qed nesploraw siti oħra.

## Ninvestu fl-intrapriżi Soċjali

Wara d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Intrapriża Soċjali, irridu naraw li dan is-settur jimraħ u jilħaq il-milja tiegħu.

Għalhekk ser jibdew jiġu estiżi numru ta' benefiċċji li bħalissa jinsabu disponibbli biss għal kumpaniji kummerċjali sabiex dawn jiġu disponibbli wkoll għal Intrapriżi Soċjali stabbiliti f'pajjiżna. L-ewwel skema li ser tiġi estiża għal intrapriżi soċjali hija l-iskema

Micro Invest. Permezz ta' din il-miżura, intrapriżi soċjali ser ikunu eliġibbli għal kreditu mit-taxxa li jista' jilħaq is-€70,000 mifruxin fuq tliet snin.

## Konċessjoni għat-trasferiment ta' negozji tal-familja

Ser inkunu qed nerġgħu nestendu l-konċessjoni fuq it-tnaqqis fit-taxxa tal-boll minn 5% għal 1.5% meta negozji tal-familja jiġu trasferiti intervivos lill-ulied u ġenerazzjonijiet iżgħar.

## Gaming

Il-qasam tal-gaming f'pajjiżna jimpjega b'mod dirett madwar 11,000 persuna, u din il-figura titla' madwar 16,000 jekk ninkludu impjiegi għal servizzi provduti lill-industrija. Fil-qasam tal-esports u l-video-game development, iktar kmieni din is-sena ntemm it-taħriġ speċjalizzat tal-Programm ta' Unity Centre of Excellence għall-għalliema sabiex iħarrġu studenti għal karriera fl-industrija tal-Video Game Development.

Wara li tlesta x-xogħol fuq l-inkubatur għall-istart-ups f'dan is-settur, magħruf bħala basecamp, sal-aħħar ta' din is-sena dan l-inkubatur se jkun imtela b'kumpaniji jaħdmu minn hemm.

## L-Industrija tal-Films

L-industrija tal-films qed tkompli toħloq opportunitajiet ta' xogħol u tattira iżjed investiment. Ser ikompli l-investiment fl-infrastruttura tal-Malta Film Studios, bil-bini tal-ewwel sound stages f'pajjiżna.

L-edukazzjoni u t-taħriġ tan-nies f'din l-industrija ser isaħħu l-kwalità, il-kompetittività u ser jgħinu biex aktar Maltin jidħlu jaħdmu fil-produzzjonijiet li jagħżlu lil pajjiżna.

Irridu noħolqu industrija tal-films sostenibbli bbażata fuq karrieri, fejn minn settur staġjonali jkompli jinqaleb għal settur li joffri xogħol matul is-sena kollha.

## L-iskemi ta' residenza

Pajjiżna dejjem ipprova jkun attraenti biex jattira ċittadini barranin ta' kwalità sabiex dawn jiġu jgħixu Malta u b'hekk iħallu l-ġid fl-ekonomija Maltija.  Matul iż-żmien saru diversi skemi ta' residenza, inkluż skemi marbutin mat-taxxa għal dan il-għan. L-ewwel suq kien dak Ingliż, iżda mbagħad l-interess ġie mifrux ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi oħra. L-iskemi biex jattiraw lil dawn it-tip ta' nies, bħal pereżempju l-Global Residence Programme u l-Malta Residence Programme, ilhom numru ta' snin li daħlu fis-seħħ.

Għalhekk tinħass il-ħtieġa li ssir evalwazzjoni sabiex naraw jekk hemmx bżonn ta' aġġornament fl-isfond tat-tibdil internazzjonli li seħħ matul iż-żmien. Bħala eżempju ta' dan nistgħu nsemmu s-sitwazzjoni ta' ċittadini Brittaniċi wara l-iżviluppi ta' dawn l-aħħar snin.

B'dan il-għan, qed jiġi propost li jsir tibdil meħtieġ biex naġġornaw il-liġi rigward dawn il-programmi, linji gwida relatati ma' dawn, kif ukoll l-amministrazzjoni fil-prattika tagħhom.  Irridu nassiguraw li Malta tibqa' attraenti f'dan ir-rigward, filwaqt li jiġi żgurat li

l-integrità ta' programmi bħal dawn u l-użu tagħhom tinżamm, speċjalment minħabba l-pressjonijiet internazzjonali attwali.

## Turiżmu

Matul l-2022 is-settur turistiku f'Malta wera sinjali qawwija ta' rkupru wara sentejn ta' sfidi. Sa Awwissu ta' din is-sena n-numru ta' turisti li ġew Malta laħaq il-81% tal-volum li kien ġie milħuq fl-istess perjodu fis-sena rekord tal-2019. Dawn it-turisti ġġeneraw 10.76 miljun lejl u nefqa ta' €1.3 biljun li hija kważi 86% tan-nefqa matul l-2019. Qegħdin nistmaw li sa tmiem is-sena ser inkunu attirajna aktar minn 2.1 miljun turist fostna.

## Inċentivi għal turiżmu long-stay f'Għawdex

Is-suq tat-turisti li jqattgħu x-xhur xitwin f'pajjiżna qed jiżdied, u qed naraw li dan ser ikompli jissaħħaħ.

Għalhekk flimkien mal-Gozo Tourism Association, ser invaraw skema ta' inċentivi biex nattiraw dan it-tip ta' turiżmu lejn il-gżira Għawdxija bi sħab ma' tour operators biex b'hekk Għawdex ikollu iktar turiżmu fil-low season.

## Aġenzija għal Riġenerazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi

Minn Jannar 2023, il-Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi ser tinbidel fl-Aġenzija għal Riġenerazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi. L-Aġenzija ser tkompli tiffoka fuq il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' riġenerazzjoni, kif ukoll l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni tal-kunċett tat-Town Centre

Management bi proġett pilota ġewwa Paceville, il-manutenzjoni tal-bajjiet u l-ħarsien tal-ambjent ħolistiku taż-żoni turistiċi.

## Reġistru tal-Vapuri u l-Avjazzjoni

Fix-xhur li ġejjin ser inkomplu nikkonsolidaw il-pożizzjoni fuq quddiem nett ta' Malta fl-Ewropa fejn jidħol reġistru ta' vapuri u nkomplu nippożizzjonaw lil Malta bħala l-ġurisdizzjoni tal-għażla fl-industrija tal-avjazzjoni.

Sal-lum mal-flotta tagħna hemm reġistrati iktar minn 750 ajruplan. Fil-jiem li ġejjin ser inħabbru iktar linji tal-ajru li ser jimxu għal Malta biex jingħaqdu ma' ħafna oħrajn li diġà għamlu dan bħal WizzAir Malta u Flexjet. Il-pass li jmiss issa hu l-politika tal-avjazzjoni ċivili u l-implimentazzjoni ta' masterplan madwar l-ajruport biex pajjiżna jdaħħal niċeċ relattivament ġodda għalina bħal leasing u cargo, drones u eVTOLs filwaqt li nikkonsolidaw in-negozju u l-avjazzjoni kummerċjali.

## Infrastruttura adegwata għall-industriji

Matul din is-sena komplejna bil-ħidma mas-settur privat biex niżviluppaw binjiet industrijali li jistgħu jilqgħu fihom clusters ta' intrapriżi u biex nipprovdu l-infrastruttura adattata. Infatti, aktar tard din is-sena se jitlestew x-xogħlijiet fuq Taxiway Lima, li se tkompli tgħin lil kumpaniji tal-manutenzjoni tal-ajruplani li joperaw fiż-żona tal-ajruport. F'Għawdex, se niftħu spazju ġdid biswit iż-żona industrijali tax-Xewkija li jipprovdi lill-intrapriżi żgħar u medji spazju għal workshops u spazju għal parkeġġ ta' vetturi kbar.

Matul is-sena d-dieħla permezz ta' INDIS Malta, ser noħolqu plots ġodda għal diversi clusters biex jissodisfaw it-talbiet li dejjem qed jiżdiedu.  Apparti minn hekk ser jibda x-xogħol fuq diversi espansjonijiet ta' fabbriki stabbiliti f'pajjiżna.

Ser inniedu proġett pilota li ser jiffoka primarjament fuq is-settur tal-manifattura u l-avjazzjoni biex jindirizza l-ħtiġijiet tal-industrija billi nassistu fl-upskilling tal-ħaddiema preżenti u fit-taħriġ ta' ħaddiema ġodda.

## Air Malta

F'dawn l-aħħar sentejn l-Air Malta kienet sfida kbira. Il-mod kif kienu jittieħdu d-deċiżjonijiet minn Gvernijiet differenti, ħallew lill-Air Malta f'pożizzjoni fejn qatt ma setgħet tkun effiċjenti.

Sena wara oħra, il-Gvern baqa' jħallas għexieren ta' miljuni u dan il-bir bla qiegħ flok isolvi l-problemi, iktar kibru.

Kieku bqajna għaddejjin kif konna, kienet tiġi ġurnata mhux daqstant 'il bogħod, fejn il-piżijiet finanzjarji tal-kumpanija ma jibqgħux vijabbli u mil-lejl għan-nhar tieqaf ħesrem għax ħadd ma jagħti xogħol lil kumpanija li ma taffordjax tħallas.

Għall-Kummissjoni Ewropea m'hemmx baqar sagri u mhux ser tagħti trattament speċjali li ma tatx għal ħafna pajjiżi u linji nazzjonali ferm ikbar.

Mal-Kummissjoni Ewropea bnejna rapport tajjeb ta’ ħidma fejn magħhom irridu nsibu soluzzjoni fl-aħjar interess tal-pajjiż iżda b’rispett lejn ir-regoli Ewropej u lejn is-suq ħieles.

Għamilna pjan ta’ ħidma biex nindirizzaw aħjar l-ispejjeż tal-kumpanija. Il-Kummissjoni Ewropea qed tevalwa l-għażliet differenti quddiemha iżda li nibqa’ nisħaq huwa li Malta kienet, għadha u ser tibqa’ jkollha linja nazzjonali tal-ajru.

Ikun xi jkun ir-riżultat tal-passi li jmiss, fadal ħafna iktar xogħol xi jrid isir biex Malta jkollha linja tal-ajru li tista’ tmur minn Ħal Luqa sa punt ieħor fl-Ewropa u tal-inqas ma titlifx flus u tkun cost-effective.

Żgur li ma jtini l-ebda pjaċir u wisq iktar mhux ser tirbaħ xi voti għax id-deċiżjonijiet huma ibsin u mhux kulħadd jieħu pjaċir bihom. Iżda li hu żgur hu li ma jistax jibqa’ jkollok linja tal-ajru li taħraq għexieren ta’ miljuni fis-sena f’kuntest li pajjiż bħal tagħna, insulari u fil-periferija, ta’ bilfors irid ikollu linja tal-ajru.

Mhux affarijiet li tieħu pjaċir tagħmilhom, imma jridu jsiru u jien lest li nkompli nagħmilhom.

## Artiġjanat

Matul din is-sena komplew ix-xogħlijiet fuq il-Villaġġ tal-Artiġjanat f’Ta’ Qali. Minbarra li kompla l-proċess ta’ kostruzzjoni relatat mal-binjiet mikrija fil-villaġġ, tlestew ix-xogħlijiet fuq l-Inkubatur u ċ-Ċentru tal-Interpretazzjoni filwaqt li għaddejjin ix-xogħlijiet fuq iċ-ċentru għall-Istart-Ups u Dying Crafts. Fejn

jidħol ir-regolarizzar tas-settur tal-Artiġjanat, din is-sena tnieda Reġistru ġdid onlajn.

## Diġitalizzazzjoni

Matul is-sena li ġejja ser inkomplu b'investiment massiċċ mill-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza (RRP) fid-diġitalizzazzjoni. Fis-settur pubbliku dan jinkludi fost oħrajn, investiment ta' 'l fuq minn €10 miljun fil-qasam tal-ġustizzja u madwar €6 miljun fir-reġistru marittimu. Ser ninvestu wkoll fid-diġitalizzazzjoni tas-settur tas-saħħa inkluż e-health u diġitalizzazzjoni tad-Dipartiment tal-Patoloġija. Is-settur privat ser ikompli jiġi inċentivat f'dan il-qasam permezz ta' għotjiet inkluż għas-self-employed iż-żgħir taħt il-programm Business Enhance bi €15-il miljun.

## Artijiet

Ser nerġgħu niftħu l-iskema għal ħwienet li huma proprjetà tal-Gvern u li bħalissa qegħdin mikrija jew mogħtija b'ċens u li jinsabu barra l-Belt Valletta. Din il-miżura għandha l-għan li tgħin lin-negozji sabiex il-kirja jew iċ-ċens tagħhom jiġġedded għal ċens ta' 45 sena.

Dan ix-xahar ġiet imnedija skema biex jissolvew każijiet ta' individwi jew familji li jkunu xtraw djar jew appartamenti mibnija parzjalment fuq proprjetà, li maż-żmien irriżulta li kienet tal-Gvern. L-iskema qed toffri titolu li jikkonsolida l-proprjetà ta' dawn in-nies b'mod individwali u bi prezzijiet affordabbli. Is-sena d-dieħla, ser inkomplu nħabbru skemi bl-għan li nnaqqsu l-burokrazija u nkomplu nindirizzaw problemi li ilhom pendenti għal numru kbir ta' snin fl-Awtorità tal-Artijiet.

Se nindirizzaw ukoll il-kwistjoni ta' nies li għandhom darhom mibnija fuq art mogħtija b'ċens agrikolu jew bi qbiela. Wara l-proġett pilota li sar f'Tas-Salvatur fir-Rabat, ser nagħtu ċ-ċans lil aktar nies li jgħixu fi bnadi oħra ta' Malta biex jixtru t-titolu tal-art fejn jgħixu.

## Kapitlu 6 - Nibnu servizz tas-saħħa aktar modern

Huwa ta' sodisfazzjon kbir li sena wara l-oħra, minkejja l-isfidi li nħabbtu wiċċna magħhom, is-servizz tas-saħħa f'pajjiżna jkompli jikber, jitjieb fil-kwalità u jitqarreb lejn min jużah. Daqstant ieħor huwa ta' sodisfazzjoni li fi żminijiet daqshekk kritiċi li għaddejja minnhom id-dinja kollha, is-servizz tas-saħħa Malti jiġi mfaħħar, għal darb'oħra, minn istituzzjonijiet internazzjonali fosthom l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa.

Minħabba l-aġġustamenti meħtieġa wara Brexit u l-effetti li qed iġġib magħha l-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna, il-Gvern assorba l-ispiża ta' madwar €3 miljun f'żieda fil-prezzijiet tal-mediċini u €4 miljun oħra f'żieda fil-konsum ta' mediċini li l-prezz tagħhom għola, meta mqabbel mal-prezzijiet ta' qabel.

### Mediċini Ġodda u t-Trattamenti b'Xejn

Is-sena d-dieħla, ser inkomplu nintroduċu mediċini bla ħlas fil-Formolarju tal-Gvern:

- Titqiba tal-Human Papillomavirus (HPV) li ser tingħata lis-subien kollha li twieldu fis-sena 2000 u wara.
- Mediċini għal dawk li jbatu mill-isklerożi multipla.
- Faxxa usa' ta' persuni ser jibbenefikaw minn mediċini li jitrattaw il-kundizzjonijiet tad-dijabete u l-osteoporożi.
- Ser jiġu aġġornati wkoll il-formuli ta' nutrizzjoni speċjalizzata, li jittieħdu permezz ta' tubu.
- Persuni għaddejjin minn interventi li jinvolvu d-donazzjoni ta' gameti minn terzi se jibdew jibbenefikaw mill-mediċini

stimulanti li huma kumplimentari mas-servizzi offruti mill-Assisted Reproductive Technology Clinic (ART). Il-Formularju tal-Gvern ser jiġi aġġornat ukoll biex jinkludi numru minn dawn il-mediċini bla ħlas.

- Fond ieħor sabiex każijiet urġenti ta' pazjenti b'suspett jew dijanjożi ta' kanċer, jingħataw it-trattament meħtieġ sal-perjodu ta' 12-il ġimgħa stabbilit mill-istess Charter.
- Chemotherapy Pumps li l-pazjent jista' juża mill-kumditā ta' daru, jekk u kif preskritt mill-konsulent kuranti.

## Servizzi Ġodda

Fis-sena 2023 ser inkunu qed inżidu bosta servizzi fosthom l-introduzzjoni ta' Kliniċi tal-Onkoloġija fil-livell ta' kura primarja, l-introduzzjoni ta' Ċentru tad-Dijabete fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi, l-introduzzjoni ta' Genitourinary (GU) Clinics fil-komunità kif ukoll GP Appointment Clinics fiċ-Ċentri tas-Saħħa. Permezz tal-proġett tar-Remote Patient Monitoring, pazjenti b'livell għoli ta' zokkor fid-demm ser ikomplu jiġu mmonitorjati.

Is-servizzi pprovduti mill-ART Clinic li kienu ta' sostenn għal dawk li xtaqu l-ewwel tarbija, iżda kellhom problemi ta' infertilità, ser jiġu estiżi għal dawk li jixtiequ t-tieni wild. Ser jiġi offrut ukoll il-Pre-Implantation Genetic Testing (PGTM), skont ma jipprovdi l-protokoll tal-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijuni.

Ser nestendu wkoll is-servizz ta' Infermier Navigatur fl-Isptar Sir Anthony Mamo Oncology Centre (SAMOC) sabiex, mid-data tad-dijanjożi sa ma jintemm il-proċess kollu, pazjenti morda bil-kanċer tas-sider, u familjari tagħhom, jiġu assistiti kif meħtieġ. Mill-banda l-oħra, pazjenti residenti f'Għawdex, li jkunu temmew

it-trattament għall-kanċer, ser igawdu mis-servizz ta' Holistic Needs Assessment (HNA) Clinic, offrut fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

B'konsolidazzjoni mal-introduzzjoni tal-GU Clinics fil-komunità, l-Isptar Mater Dei bi ħsiebu jespandi s-servizzi eżistenti billi jipprovdi l-Point of Care (POC) testing li huwa intiż biex każijiet serji ta' mard trasmess sesswalment jiġu trattati malajr kemm jista' jkun.

Barra minn hekk, ser niċċentralizzaw is-servizzi li bħalissa jingħataw ġewwa s-CDAU u s-CYPS f'ċentru state of the art ewlieni sabiex is-servizz li jingħata ikun ikkonsolidat u integrat skont il-ħtiġijiet tat-tfal.

## Proġetti Kapitali fis-Saħħa

Sur President, fis-snin li ġejjin ser inkomplu nsegwu l-investimenti fit-tul li għamilna fuq proġetti infrastrutturali. Fost dawn insibu l-proġett tal-bini ta' Bank tad-Demm ġdid, il-proġett tal-bini l-ġdid tal-Outpatients u l-Parkeġġ taħt l-art ġewwa l-Isptar Mater Dei, iċ-Ċentru Reġjonali Ċensu Moran f'Raħal Ġdid, iċ-Ċentru l-ġdid ġewwa r-Rabat Għawdex, l-immodernizzar tas-swali tal-Isptar Monte Karmeli kif ukoll proġetti iżgħar ta' rinnovar u immodernizzar taċ-Ċentri u l-Bereġ tas-Saħħa. Ma' dawn inżid l-investiment fl-infastruttura tad-Dipartiment tal-Inċidenti u l-Emerġenza u d-Dipartiment tal-Medical Imaging, kif ukoll it-tielet Cardiac Catherisation Suite.

## Saħħa Mentali

L-għajxien assistit fil-komunità ser jiġi sostnut permezz ta' sheltered accommodation, kif ukoll għal min ibati minn imġiba vizzjuża. Ser nintroduċu wkoll Ċentru Terapewtiku għal min għandu dijanjożi doppja ta' nuqqas ta' saħħa mentali u mġiba vizzjuża. Ser invaraw ukoll Akkademja għall-Irkupru u l-Benesseri sabiex utenti tas-servizz, carers u professjonisti jiksbu l-edukazzjoni meħtieġa dwar kif għandha titnaqqas l-istigma, jikber l-għarfien f'dan il-qasam u jittieħdu l-aħjar inizjattivi preventivi.

Fis-snin li ġejjin, ser nibnu l-Isptar il-ġdid tal-Kura Psikjatrika Akuta ħdejn Mater Dei sabiex noffru servizz speċjalizzat li jikkumplimenta dak li llum qed jiġi pprovdut ġewwa l-Isptar Monte Karmeli. Dan ser inkunu qed nagħmluh b'fondi Ewropej.

Is-Servizzi tas-Saħħa Mentali (MHS) ser ikunu qed jippromwovu politika ta' promozzjoni, prevenzjoni u sapport, fuq il-livell makro sabiex tiżdied l-edukazzjoni dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol.

# Kapitlu 7 - Żvilupp Sostenibbli għal Malta t'għada

Fil-Baġit li għadda introduċejna diversi miżuri u inizjattivi sabiex nikkoraġixxu żvilupp li hu sostenibbli. Waħda mill-miżuri, li bi pjaċir inħabbar kienet ta' suċċess, kienet l-introduzzjoni ta' inċentivi fiskali favur proprjetà isbaħ.

## Kontinwazzjoni tal-Inċentivi Fiskali għal proprjetà isbaħ

Kif ħabbart fil-Baġit li għadda, dawk il-persuni li qed jixtru jew ibigħu proprjetà li ilha mibnija għal aktar minn 20 sena u ilha vakanti għal aktar minn 7 snin jew proprjetà li tinsab f'żona ta' UCA, bdew jibbenefikaw minn eżenzjoni tat-taxxa tal-Capital Gains u t-taxxa tal-Boll b'mod komplut fuq l-ewwel €750,000 tal-prezz tal-proprjetà.

Permezz ta' dawn il-miżuri, 'il fuq minn 2,800 bejjiegħ u xerrej ta' proprjetà f'żona UCA ffrankaw bejniethom 'il fuq minn €18 miljun f'taxxa, filwaqt li 210 persuni li biegħu jew xtraw proprjetà li ilha mibnija għal aktar minn 20 sena u vakanti għal iktar minn 7 snin, iffrankaw bejniethom 'il fuq minn miljun ewro ieħor.

F'dawk li huma first-time buyers ta' dawn l-iskemi, sa rċevejna madwar 246 applikazzjoni.  Dawn qed jibbenefikaw minn għotja ta' €15,000 jekk il-proprjetà tinxtara f'Malta u €30,000 f'Għawdex.

Barra minn hekk, persuni li xtraw jew li diġà għandhom dawn il-proprjetajiet qed jiffrankaw il-VAT sa massimu ta' €54,000 fuq l-ewwel €300,000 fi spejjeż ta' restawr u irfinar.

Kif spjegat fil-baġit li għadda l-iskemi ser ikomplu jitħaddmu għas-sentejn li ġejjin.

Fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla ser jitwaqqaf ukoll il-Bord għal proprjetajiet ġodda li jiġu mibnija u rfinati skont linji gwida ta' kwalità u estetika li ser jiġu stabbiliti sabiex kif imwiegħed sidien ta' dawn il-proprjetajiet ikunu jistgħu wkoll jibbenefikaw mit-traħħis fit-taxxa u l-għotjiet.

## Skemi Propjetà

Ser inkunu qed nestendu għal sena oħra l-iskemi ta' tnaqqis fit-taxxa tal-Boll għall-first-time buyers, second-time buyers u x-xiri ta' proprjetà f'Għawdex.

## Infrastruttura tat-Toroq

L-investiment f'infrastruttura ta' kwalità għolja huwa fattur kruċjali sabiex tkun imsaħħa l-kompetittività ekonomika bħala parti minn pjan li jħares mhux biss lejn il-bżonnijiet ta' Malta tal-lum iżda wkoll ta' għada.

Mill-2018 sal-aħħar ta' din is-sena, ser inkunu investejna total ta' €507 miljun sabiex intejbu l-infrastruttura tat-toroq f'pajjiżna.

B'dan l-investiment, wettaqna diversi proġetti kbar infrastrutturali bħall-Marsa Junction u s-Central Link, li tħallew fuq il-karta għal ħafna żmien.

Flimkien ma' dan, twettqu r-rikostruzzjoni mill-ġdid b'servizzi ġodda u l-manutenzjoni ta' aktar minn 1,000 triq residenzjali, rurali u sekondarji f'dan il-perjodu.

Fit-tliet snin li ġejjin, ser inkomplu nlestu u nimplimentaw proġetti kbar. Dalwaqt jitlesta l-Imrieħel Underpass, filwaqt li prijoritajiet oħra huma Ħal Kirkop Tunnels, l-Airport Intersection Project u l-Luqa Junction. Hemm pjanti ġodda għall-proġett tal-Imsida Creek li issa ser ikun qed jingħata wkoll spinta 'l quddiem. Ma jonqosx li nkomplu bil-programm ta' bini ta' toroq residenzjali. Il-programm b'saħħtu ta' bini ta' toroq ser ikompli f'Għawdex ukoll.

## Infrastruttura Marittima

L-industrija marittima qed tara tkabbir sostanzjali fejn jidħol tiswijiet ta' vapuri. Il-Gvern fehem li l-portijiet tagħna għandhom bżonn ta' tindif tal-qiegħ biex jgħin lil dan is-settur jattira xogħlijiet fuq vapuri ta' ċertu daqs. Matul l-aħħar xhur diġà nbeda ix-xogħol tad-dredging bi spiża ta' €7 miljun. Għas-sena d-dieħla, Infrastructure Malta ser toħroġ sejħa għall-offerti biex ix-xogħol jitkompla f'partijiet oħra tal-Port il-Kbir.

Il-Gvern għadu kif iffirma kuntratt biex jibdew ix-xogħlijiet tal-estensjoni tal-mollijiet ta' Pinto u Lascaris bl-għan li issa jkun hemm moll dritt li miegħu jistgħu jittrakkaw vapuri kbar ta' madwar 330 metru.

## Proġetti għal arja iktar nadifa

Fost l-iktar proġetti ambjentali ambizzjużi f'pajjiżna bħalissa hemm dawk li qed jarawna ninstallaw sistemi biex bastimenti

kbar, bħal dawk tal-passiġġieri jew dawk tal-merkanzija jitfu l-magni tagħhom meta jkunu sorġuti fil-portijiet tagħna. Minflok ser jaqbdu dirett mal-grid nazzjonali. Dan hu proġett b'investiment ta' €50 miljun li ser inaqqas it-tniġġiż fl-arja u jtejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni li jgħixu fin-Nofsinhar ta' pajjiżna u madwar il-Port il-Kbir.

Ix-xogħol fil-Port il-Kbir miexi b'ritmu tajjeb u l-proġett mistenni jkun lest is-sena d-dieħla. Jinsab avvanzat ukoll il-proċess biex fil-Port Ħieles ikun implimentat ukoll dan it-tip ta' proġett.

## Sustainable Urban Development f'Għawdex

Apparti mill-impenn ta' 10% tal-investimenti ta' koeżjoni u agrikoli tal-fondi tal-Unjoni Ewropea, Għawdex ser jibbenefika minn madwar €60 miljun f'investiment taħt l-inizjattiva Sustainable Urban Development. Is-sena d-dieħla ser jiġi stabbilit fejn dawn il-fondi ser jiġu investiti biex b'hekk jinbeda minnufih ix-xogħol marbut ma' din l-inizjattiva.

## Reklamazzjoni tal-Art

Qasam ieħor fejn hemm ħidma għaddejja tirrigwarda r-reklamazzjoni tal-art. Fl-aħħar xhur iltqajna mal-esperti biex nesploraw numru ta' proġetti li mhux biss jirrispettaw u jtejbu l-ambjent iżda jagħtu lil dik iż-żona u fl-aħħar nett lil pajjiżna l-valur miżjud li jixraqlu.  Il-pass li jmiss f'dan il-proġett huwa li fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin jingħata bidu għal studju li għandu jiddetermina l-fattibilità ekonomika u finanzjarja, u l-impatt ambjentali u soċjali li dawn il-proġetti ser ikollhom fuq pajjiżna.

## Trasport Pubbliku b'Xejn

Fl-ewwel ta' Ottubru, bdejna nipprovdu trasport pubbliku b'xejn lir-residenti f'pajjiżna. Sabiex din il-bidla tkun suċċess, dan jeħtieġ bidla fl-imġiba, infurzar ferm ikbar fit-toroq tagħna u miżuri biex ma jsibu l-ebda żgombru fir-rotta tagħhom.

Ser inkomplu nellettrifikaw il-flotta tat-trasport pubbliku fejn b'investiment ta' miljuni ta' ewro, ammont kbir mill-flotta se jkunu elettriċi.

Ta' min ifakkar li ftit tas-snin ilu l-Gvern beda joffri t-trasport skolastiku għall-istudenti bla ħlas. Sabiex dawn il-miżuri jkunu ta' suċċess neħtieġu l-koperazzjoni ta' kull wieħed u waħda minna.

## It-traffiku

Huwa evidenti li l-konġestjoni tat-traffiku hija waħda mill-isfidi ewlenin li għandu quddiemu l-pajjiż.

Barra li s-sena d-dieħla ser inkomplu naħdmu biex ikollna iktar uffiċjali fit-toroq tagħna, ser inkunu qed niftħu diskussjoni wiesgħa mal-istakeholders konċernati biex numru ta' servizzi fit-toroq tagħna ma jingħatawx qabel id-9:00 ta' filgħodu. Fir-rush hour, il-vetturi ta' dawn is-servizzi m'għandhomx ikunu fit-toroq tagħna.

## Inkomplu ninċentivaw ix-xiri ta' vetturi li jniġġżu anqas

Matul din is-sena nedejna l-akbar pakkett ta' għotjiet finanzjarji għat-trasport fil-forma ta' skemi favur l-ambjent u trasport

sostenibbli b'total ta' €25 miljun disponibbli matul l-2022. L-għan ta' dan l-investiment huwa li ninstigaw bidla fl-użu lejn il-mobbiltà elettrika, jitnaqqsu l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport billi nippromwovu l-użu ta' vetturi elettriċi fis-settur privat u kummerċjali u titnaqqas l-età medja tal-flotta. Malta rnexxielha tikseb fondi tal-Unjoni Ewropea ta' €50 miljun għall-vetturi elettriċi ġodda.

Bi pjaċir ngħid li sal-lum, l-ammont ta' vetturi reġistrati li jaħdmu bl-elettriku jew plug-in hybrid jeċċedi l-10,000 vettura.

## Għotja għax-xiri ta' vetturi ġodda li jaħdmu bl-elettriku

Għaldaqstant, l-għotja finanzjarja biex ninċentivaw ix-xiri ta' vetturi ġodda li jaħdmu bl-elettriku ser tiġġedded u kull min jixtri vettura ġdida, inkluż muturi, li jaħdmu bl-elettriku ser ikun intitolat għall-għotja ta' €11,000, li titla' sa €12,000 f'każ li tiġi użata l-iskema tal-iskrappjar tal-vetturi wkoll. L-istess jgħodd għall-iskema li tinċentiva x-xiri ta' mopeds, pedelecs u roti assistiti b'mutur tal-elettriku.

Il-grants fuq l-plug-in hybrid kienu eżawriti f'Mejju li għadda, iżda kull min ordna vettura plug-in sal-aħħar ta' Mejju u l-vettura għadha ma waslitx Malta iżda ser tasal is-sena d-dieħla fl-2023 xorta għandu l-għotja garantita u ser jieħu għotja ta' €11,000. L-ispiża totali fuq dawn l-għotjiet ser tkun ta' €20 miljun.

## Tiġġedded Għotja finanzjarja fuq skrappjar ta' vetturi li jħammġu f'Għawdex

L-għotja finanzjarja tal-iskema ta' skrappjar ta' vetturi li jħammġu ser tibqa' dik ta' €2,000.

## Estiżi l-iskemi favur muturi żgħar li jniġġżu anqas

L-għotja li tinċentiva x-xiri ta' muturi żgħar li jaħdmu bil-petrol ser tiġi estiża filwaqt li l-għotja għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gass minflok bil-petrol ser terġa' tiġi estiża wkoll.

## Estiżi l-iskemi l-oħra favur vetturi li jniġġżu anqas

Is-sena d-dieħla, vetturi elettriċi u dawk plug-in hybrid ser jibqgħu eżentati mit-taxxa ta' reġistrazzjoni u eżenti mill-ħlas tal-liċenzja annwali tat-triq għal perjodu ta' 5 snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni.

## Estiżi l-iskemi għall-vetturi li jiġu installati l-pannelli fotovoltajiċi u filtru tal-partikuli tad-diżil (DPF) u ta' sistemi ta' tnaqqis katalitiku selettiv (SCR)

Ser tiġi estiża l-iskema fejn vetturi bħal minibuses, coaches u trakkijiet li fuqhom jiġu installati l-pannelli fotovoltajiċi jingħataw għotja sa massimu ta' €900 u skema fejn operaturi ta' minibuses u coaches kif ukoll trakkijiet jinstallaw filtru tal-partikuli tad-diżil (DPF) u ta' sistemi ta' tnaqqis katalitiku selettiv (SCR).

## Ferry Landing Stations

Matul l-aħħar snin deher ċar li l-mezzi tat-trasport alternattiv bil-baħar kienu ta' suċċess.  Ħdimna fuq ferry landing stations tal-

Belt, tal-Imġarr, tal-Kottonera u Tas-Sliema. Ġie ffirmat il-kuntratt biex jinbeda x-xogħol fuq il-moll ta' Buġibba filwaqt li bħalissa qed issir evalwazzjoni fuq is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet fuq il-moll ta' Marsamxett. Dawn huma wkoll oqsma li jixhdu kif qed nagħmlu l-aqwa użu mill-fondi Ewropej li nnegozjajna b'suċċess għal pajjiżna.

## Trasport lejn Għawdex

Ser nibqgħu ninvestu wkoll fil-konnettività bejn Malta u Għawdex.

Wara li fl-aħħar snin saħħaħna s-servizz tal-Gozo Channel, determinati li naraw li s-servizz tal-fast ferry ukoll ikun wieħed li jaqdi sew lill-Għawdxin u lill-Maltin u kull min jagħmel użu minnu.

Għal dan il-għan, il-Gvern qed jiddiskuti mal-Kummissjoni Ewropea biex ikun hemm kuntratt ta' servizz pubbliku għas-sentejn li ġejjin.

Ladarba jkun hemm ftehim, l-operaturi qed jikkommettu ruħhom li jipprovdu dan is-servizz meħtieġ skont il-bżonnijiet tal-poplu Għawdxi u Malti.

Hemm qbil ukoll li f'dan il-każ tinbeda skeda ġdida bil-prezzijiet maqbula li l-operaturi ma jistgħux jiċċaqalqu minnha.

Ser ikompli wkoll ix-xogħol biex issir ir-Rural Airfield f'Għawdex, li wara konsultazzjoni wiesgħa dwarha hemm applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar.

Dan hu proġett li ser isir fuq art li diġà hi kommessa biex isir żvilupp simili u r-runway eżistenti ser titwal b'271 metru biex b'hekk tilħaq tul ta' 445 metru, bl-ebda impatt ambjentali negattiv.

## Kapitlu 8 - Ekonomija Ħadra: Minn sfida għal opportunità

Sur President,

L-impenn ta' dan il-Gvern huwa li Malta u Għawdex ikomplu mexjin lejn ekonomija dekarbonizzata. Ekonomija newtrali, ħielsa mill-karbonju.

Għalhekk, dan il-Baġit ser ikompli jibni fuq dak ta' qablu billi jkompli jinċentiva familji, negozjanti u operaturi jagħmlu użu minn trasport u enerġija aktar nodfa u sostenibbli. Dan ser ikun ikkumplimentat minn investiment qawwi mill-Gvern fis-settur tal-enerġija, fil-qasam tal-ambjent u fl-immaniġġjar tar-riżorsi ta' pajjiżna.

### Enerġija

Matul din is-sena ġiet identifikata r-rotta għat-tieni cable interconnector ma' Sqallija. Saru wkoll is-surveys marittimi, kif ukoll dawk ġeofiżiċi u ġeotekniċi u beda x-xogħol fuq l-istudji ambjentali. Dan l-interconnector b'investiment ta' iktar min €160 miljun ser ikun qiegħed mhux biss iżid il-provvista tal-elettriku iżda wkoll jagħtina iktar flessibbiltà fil-mod ta' kif nipprovdu l-elettriku lill-pajjiż.

L-investiment fin-network tad-Distribuzzjoni tal-Enemalta li miexi b'ritmu tajjeb ħafna, ser ikompli, biex permezz tiegħu ntejbu l-kwalità tas-servizz u niżguraw li l-grid ikun jiflaħ għal elettriku minn sorsi rinnovabbli. Il-pjan jinvolvi interventi fuq il-livelli kollha tas-sistema ta' distribuzzjoni u t-twettiq tiegħu miexi 'l quddiem

sew. Tpoġġew transformers primarji ġodda u nxtegħlu mat-tletin substation ġdid filwaqt li sar xogħol ta' tisħiħ fin-networks. Dan il-programm ta' investiment qawwi ser jitkompla fl-2023.

## Skemi għall-enerġija effiċjenti

Ser nerġgħu noffru skemi għall-installazzjoni ta' pannelli tax-xemx u batteriji għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli, heat pump water heaters u solar water heaters u r-restawrazzjoni ta' bjar ta' djar antiki.

Ser ikunu allokati 8MW bħala skema ta' Feed In Tariff għal fotovoltajċi ta' inqas minn 40kWp għad-djar, filwaqt li ser inkomplu nestendu l-iskemi tal-FIT għad-djar residenzjali fuq 20 sena.

Ġew allokati wkoll total ta' 16.5 MW għal sistemi ta' enerġija rinnovabbli medji sa kbar, li l-ġenerazzjoni tagħhom hija ekwivalenti għal 6,050 dar f'sena waħda. Dan minbarra l-allokazzjoni għall-proġetti fuq skala massiva lil hinn minn 1MW.

## Iktar Punti tal-Iċċarġjar

Bħalissa għaddej ix-xogħol biex ikollna 1,200 punt ieħor tal-iċċarġjar sal-2024 mat-340 li diġà hemm. Fl-istess waqt, ser inkomplu ninkoraġġixxu kumpaniji privati u negozji biex jaqilbu l-flotta tagħhom għal waħda elettrika billi jibbenefikaw minn self bla interessi sabiex jikkumplimentaw l-investiment li jagħmlu f'vetturi elettriċi u charging stations.

## Rinnovazzjoni fil-Binjiet tas-Settur Privat

Barra minn hekk, l-iskema ta' għotjiet taħt l-RRP għar-rinnovazzjoni favur il-klima ta' binjiet kummerċjali fis-settur privat b'valur ta' madwar €20 miljun ser titkompla matul is-sena li ġejja.

## Enerġija Rinnovabbli Offshore

Il-Gvern għadu kif mexxa proċess ta' konsultazzjoni fis-suq għal attivitajiet fiż-żona ekonomika esklussiva madwar Malta, partikolarment għal attivitajiet ta' ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli. Matul is-sena d-dieħla, ser inkunu qed inniedu l-fażi ta' implimentazzjoni billi nistiednu parteċipazzjoni mis-settur privat permezz ta' investiment f'dan il-qasam.

## L-akbar investiment fl-ambjent

Il-Gvern huwa impenjat li jwettaq l-akbar investiment fl-ambjent u fil-kwalità tal-ħajja tan-nies. Għal dan il-għan ser titwaqqaf aġenzija ġdida sabiex tikkordina l-implimentazzjoni ta' waħda mill-miżuri ewlenin tal-Manifest Elettorali tal-Gvern, jiġifieri l-allokazzjoni ta' €700 miljun fuq medda ta' seba' snin għal proġetti ambjentali.

Dawn il-proġetti ser iwassal għal aktar ġonna, proġetti ta' tħaddir urban u aktar spazji miftuħa li jistgħu jitgawdew mill-familji Maltin u Għawdxin.

Irridu li l-komunitajiet u r-residenti jkunu fiċ-ċentru tal-ħidma ta' din l-entità filwaqt li ser naraw ukoll li tingħata l-opportunità lis-settur privat sabiex jinvesti fit-twettiq u ż-żamma ta' dawn il-proġetti permezz ta' PPPs u modi ta' finanzjament alternattiv.

L-ewwel fażi ser tara t-tnedija ta' numru ta' proġetti f'diversi lokalitajiet fosthom f'Bormla, Birżebbuġa, Ħamrun, Marsa, is-Siġġiewi u San Ġwann.

L-aġenzija ser tikkoordina wkoll proġetti ta' green urban reclamation. Fost tal-ewwel hemm il-proġett ser isir flimkien mal-Wasteserv Malta, f'dak li kien l-impjant tar-riċiklaġġ ta' Sant'Antnin li ser ikun ikkonvertit għal żona oħra miftuħa għall-familji, li tingħaqad ma' diversi ġonna li tlestew iktar kmieni din is-sena.

Din is-sena rat il-finalizzazzjoni tal-Management Plan 2022-2027 għall-Park Nazzjonali ta' Inwadar, li minnu setgħu jiġu ddeterminati s-siti għall-afforestazzjoni. Minnufih beda x-xogħol ta' preparazzjoni fuq żewġ siti magħżula, restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fiż-Żonqor, u tneħħija ta' materjal ta' kostruzzjoni.

Din is-sena, sit biswit il-Park ta' San Klement ġie identifikat biex jikber dan il-park li huwa mfittex ħafna. Tkomplew ukoll xogħlijiet fil-Park tal-Majjistral li ser jitlestew fil-bidu ta' 2023. Is-sena d-dieħla ser jitkompla xogħol fuq dan il-Park u fil-Park ġewwa Marsaskala.

Matul l-2022, kompla x-xogħol fuq it-tkabbir u t-titjib tal-Park Nazzjonali f'Ta' Qali mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Sar xogħol estensiv fuq dik il-parti magħrufa bħala l-Ġnien Formali u kompla l-iżvilupp ta' spazju għall-kunċerti fuq art li sa ftit ilu kienet tintuża bħala fabbrika tal-konkos biex flokha

nbena spazju bit-turf biex fih ikunu jistgħu jittellgħu kunċerti ta' livell internazzjonali.

Meta ma jkunx qed jintuża għall-kunċerti, dan l-ispazju ser ikun qed jitgawda mill-pubbliku. Sal-aħħar tal-2022, in-nefqa totali fuq dan il-proġett mistennija tlaħħaq €36.7 miljun filwaqt li għas-sena d-dieħla ser jiġu allokati €13 miljun ieħor.

Apparti proġett pilota ġewwa San Ġwann, ħdimna ma' diversi Kunsilli Lokali fosthom fuq is-Serenity Garden ġewwa Santa Luċija, Ġnien l-Indipendenza f'Birżebbuġa, il-Pollinator Garden ġewwa l-lokalità ta' San Ġwann u l-ġonna f'Ħ'Attard, il-Kalkara u l-Kottonera.

Tlestew ukoll xogħlijiet ta' tindif u restawr  f'numru ta' widien. Permezz ta' dawn il-proġetti, b'investiment totali ta' €2 miljun, ser inkunu qed nilħqu l-mira ta' ħażna tal-ilma filwaqt li nippreservaw il-wirt storiku Malti. Is-sena d-dieħla ser inkomplu bir-rijabilitazzjoni ta' diversi widien.

Matul is-sena li ġejja ser inniedu programm ta' investiment fi green urban areas kemm b'fondi nazzjonali kif ukoll permezz tal-fondi mill-Unjoni Ewropea. Ser ninvestu wkoll fit-tisħiħ tal-bijodiversità b'investiment f'żoni Natura 2000 kif ukoll Marine Protected Areas (MPAs).

## Parkeġġi

Bħala parti mix-xogħol fuq din il-wegħda ta' iktar postijiet miftuħa għall-pubbliku, qed issir evalwazzjoni ta' parkeġġi

miftuħa li jistgħu jiġu mibdula f'parkeġġi taħt l-art u l-ispazju bħalissa użat bħala parkeġġ jinbidel fi spazju miftuħ.  Il-pjan huwa li sal-ewwel kwart tas-sena d-dieħla nkunu ħriġna l-ewwel sejħiet għal konċessjoni tal-bini u operat ta' dawn l-ispazji.

## L-immaniġġjar tal-iskart

Filwaqt li għaddejjin b'ħidma estensiva fuq l-akbar investiment li qatt sar fis-settur tal-immaniġġjar tal-iskart f'pajjiżna, il-proġetti EcoHive, sal-bidu tal-2023 ser jibda jopera wkoll il-Multi-Material Recovery Facility ġewwa Ħal Far. Dan ser jgħin fir-riċiklaġġ ta' diversi materjali li altrimenti jispiċċaw fil-miżbla.

Is-sena d-dieħla ser inniedu proġett ta' madwar €50 miljun f'Organic Processing Plant sabiex anke f'dan il-qasam inkunu aktar effiċjenti u nimmassimizzaw l-użu tal-iskart f'pajjiżna. Infatti, dan l-impjant ser irendi kemm enerġija elettrika kif ukoll kompost għas-settur agrikolu.

Ser nintroduċu wkoll gate fees ġodda mill-1 ta' Jannar 2023 biex innaqqsu l-ammont ta' skart li jispiċċa fil-miżbla u ninkoraġġixxu dejjem iktar is-separazzjoni ta' skart. F'Novembru ser niftħu wkoll Material Recovery Facility ġewwa l-Magħtab, li ser tgħin biex inkomplu nżidu r-rata ta' riċiklaġġ.  Fl-aħħar sena, ftaħna diversi Reuse Centres fiċ-ċentri tal-iskart goff, kif ukoll mexxejna b'kampanji edukattivi, li bis-saħħa tagħhom, irnexxielna wkoll inżidu r-rata ta' riċiklaġġ.

Fis-snin li ġejjin ser tkun qed tinbena Skip Management Facility li biha ser innaqqsu madwar 47,000 tunnellata ta' skart goff mill-

miżbla u minflok jibda jiġi sseparat u pproċessat sabiex jintlaħqu l-miri tar-riċiklaġġ.

## Ilma

Qed inkomplu nfittxu modi alternattivi biex intejbu l-effiċjenza fl-użu tal-ilma fil-gżejjer tagħna. Għalhekk qed nintroduċu miżuri li jinkludu l-użu mill-ġdid ta' ilma griż trattat (grey water), u t-trattament ta' ilma mormi minn negozji jew intrapriżi li joperaw tul il-kosta.

Investejna fis-sistemi ta' produzzjoni u distribuzzjoni tal-ilma, fosthom it-tkabbir ta' madwar 30% fil-kapaċità ta' produzzjoni tal-impjanti tar-reverse osmosis f'pajjiżna. Biex inkomplu nlaħħqu mad-domanda wara l-2030, din is-sena tnediet it-tieni fażi biex inkabbru l-produzzjoni tal-ilma b'20% oħra u jiżdiedu r-riservi tal-ilma, b'investiment ta' aktar minn €12 miljun.

Għaddejja l-ħidma biex jinbidlu madwar 40 kilometru ta' mejnijiet antiki li minnhom diġà tlestew madwar 25%.

Ser isir mejn ġdid ta' trasferiment tal-ilma bejn l-impjant tar-Reverse Osmosis fiċ-Ċirkewwa u l-ġibjuni ta' Ta' Qali b'investiment ta' €11 miljun u mejn li jwassal l-ilma min-Naxxar sas-Salini bi spiża ta' €3.5 miljun.

It-tisħiħ tal-impjant għat-tisfija ta' drenaġġ f'Sant'Antnin wasal fl-aħħar stadji, u l-impjant mistenni jibda jopera għall-aħħar tas-sena. Din il-miżura, b'investiment ta' madwar €7 miljun ser tkun qed iżżid il-kapaċità tat-tisfija tad-drenaġġ fin-Nofsinhar

ta' Malta bi 'l fuq minn 20%. Proġett ieħor li ser inwettqu hu dak li ser jindirizza żbroffi ta' drenaġġ fl-inħawi tal-Marsa.

## Agrikoltura, Biedja u Sajd

Il-Gvern qed jaħdem fuq l-iżvilupp tal-ewwel Politika Nazzjonali għall-Ikel Sostenibbli, liema Politika ser ikun fiha wkoll il-Pjan ta' Azzjoni għall-Produzzjoni Organika f'Malta.

F'Ġunju li għadda ftaħna l-Unit tas-Sorveljanza fi ħdan l-Aġenzija Maltija għall-Ikel. Tim ta' nies ġew ingaġġati u bdew jaħdmu fuq l-immaniġġjar u titjib tas-suq tal-bdiewa (Farmers' Market), l-implimentazzjoni tal-Istandards komuni tal-Marketing tal-frott u ħaxix frisk, kif ukoll kontroll u titjib tal-kwalità tal-frott u ħaxix li jidħol u jinbiegħ fil-Pitkalija. Din is-sena tkompla l-investiment fil-Pitkalija filwaqt li żidna l-assistenza lill-bdiewa biex itejbu l-kwalità tal-prodotti tagħhom u jiksbu ċertifikazzjoni.

Beda x-xogħol biex tiġi mnedija inizjattiva għal carbon farming. Din is-sena wettaqna l-ewwel fażi tal-proġett permezz ta' proġett pilota. Dan il-proġett ser ikompli tul is-sena 2023 fejn ser jiġi analizzat l-effett tal-proġett pilota u tinħoloq strateġija.

Barra minn hekk, ressaqna quddiem il-Parlament, abbozz importanti li ser iwassal għall-emendi fl-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri tar-Raba'.

Ser inkunu wkoll qed ninvestu fl-għarfien tas-sajjieda tagħna, b'sistema informatika ġdida li ser tirriforma lis-settur tas-Sajd u l-Akwakultura b'immodernizzar tal-infrastruttura f'għodod

diġitali u servizz b'iktar effiċjenza. Matul is-sena 2022, sar investiment estensiv sabiex tissaħħaħ l-infrastruttura ta' pilastri li joffru servizzi ta' dawl u ilma ġewwa l-portijiet għas-sajjieda.

Matul is-sena d-dieħla, dan is-settur ser ikompli jibbenefika minn għotjiet u sapport finanzjarju, anke permezz ta' Fondi Ewropej, sabiex jiżdied l-investiment u jitjieb l-operat.

## Kapitlu 9 - Pajjiż ġust, sigur u ugwali

Matul din is-sena tkompla t-twettiq ta' diversi riformi fil-qasam tal-ġustizzja sabiex tiġi indirizzata l-effiċjenza f'dan il-qasam, u ser ikomplu jsiru oħrajn importanti bħal dawk fil-proċess tas-sistema tal-kumpilazzjoni u rinviji fil-qasam tal-ġustizzja kriminali.

Is-sena d-dieħla, ser ikun stabbilit qafas legali ta' żmien fiss li fih trid tiġi ffinalizzata kumpilazzjoni, żvelar sħiħ tal-provi mill-prosekuzzjoni fil-bidu tal-kumpilazzjoni, kif ukoll l-eliminazzjoni tar-rinviji.

Bħala parti mit-tisħiħ tal-qafas demokratiku ta' pajjiżna, il-Gvern ippreżenta wkoll tliet abbozzi ta' liġi ambizzjużi li għandhom l-għan li jsaħħu l-professjoni tal-ġurnaliżmu, filwaqt li jagħtu protezzjoni ikbar lill-istess ġurnalisti f'ħidmiethom.

Ser naraw kif nużaw aħjar l-ispazju amministrattiv tal-Qorti billi jiġi kkonvertit f'bini ta' awli ġodda fil-bini prinċipali tal-Qorti bl-għan li nkomplu nżidu n-numru ta' seduti u fl-istess ħin innaqqsu t-tul tal-kawżi.

Ser inkunu qed inwettqu reviżjoni sħiħa tal-proċedura użata quddiem il-Qorti tal-Familja kemm mill-aspett ċivili u dak kriminali, bil-għan li din ir-reviżjoni twassal għal ġustizzja aktar effettiva u effiċjenti.

Ser inwettqu riforma fil-kamp tal-inkjesti maġisterjali, bil-ħolqien ta' sezzjoni ġdida li tispeċjalizza fl-inkjesti.

## Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda

Mill-ewwel ta' Jannar li ġej, Malta ser ikollha s-siġġu non-permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda, għat-tieni darba fl-istorja tagħna, proprju 40 sena wara l-ewwel terminu.

Malta qed tkompli wkoll tkattar il-ħidma tagħha fir-relazzjonijiet bilaterali, ekonomiċi u kummerċjali. Prova ta' dan hija l-ftuħ uffiċjali li sar f'Ġunju 2022 tal-ewwel Ambaxxata Maltija fl-Amerika t'Isfel ġewwa Brasilia, il-Brażil.

Permezz tal-fondi għall-Għajnuna tal-Iżvilupp, din is-sena ngħataw donazzjonijiet ta' kważi kwart ta' miljun ewro f'għajnuna umanitarja b'risq il-poplu Ukren. Qassamna wkoll eluf ta' dożi tal-vaċċin kontra l-Covid-19 lil popli fil-bżonn u tajna kontribuzzjonijiet lill-istituzzjonijiet internazzjonali sabiex jibbenefikaw popli bħas-Sirja, il-Jemen, u r-refuġjati Palestinjani, fost oħrajn.

## Asset Recovery Bureau

Bħalissa għaddej xogħol fuq il-proġett ta' kostruzzjoni ta' binja speċjalizzata li tkun mgħammra bl-aħħar teknoloġija biex tospita laboratorju ta' traċċar ta' assi u spazju adegwat għall-preservazzjoni ta' assi konfiskati. Dan huwa qasam importanti ħafna li ser inkomplu nsaħħu fis-snin li ġejjin.

## Ħarsien tad-drittijiet tal-Konsumatur

Matul is-sena 2023, dan il-Gvern ser isaħħaħ ir-rimedji disponibbli għall-konsumatur billi kif wiegħed fil-Manifest Elettorali, nerġgħu

ngħollu l-ammont massimu ta' €5,000 li fuqhom jistgħu jsiru talbiet quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

### Strateġija ġdida għall-Gvern Lokali

F'Awwissu 2022 ġie varat dokument għall-konsultazzjoni dwar Strateġija ġdida għall-Gvern Lokali. Din l-istrateġija mistennija tkun konkluża fil-bidu tas-sena d-dieħla meta ser ikun qed jiġi ċċelebrat it-30 sena mit-twaqqif tal-Gvern Lokali f'Malta.

### Euro Pride

Sur President, kif ġie mħabbar mill-Prim Ministru, fl-2023 Malta ser tospita l-avveniment Euro Pride għall-ewwel darba fl-istorja. Mill-pajjiż li ilu seba' snin fil-quċċata tal-klassifika dwar l-aqwa drittijiet għal persuni LGBTIQ, il-Euro Pride ser iwassal messaġġ sod lill-komunità internazzjonali li Malta hija eżempju ħaj ta' kif il-bidla tista' verament tagħmel id-differenza fil-ħajja tan-nies.

### Korpi Dixxiplinati, Korp Tal-Pulizija, Forzi Armati u Protezzjoni Ċivili

L-inċentivi li ddaħħlu fl-2016 għal persuni li jżommu l-impjieg tagħhom wara li jilħqu l-età tal-pensjoni tagħhom ħallew il-frott. Għalhekk, wasal iż-żmien li nibdew proċess sabiex nestendu dawn l-inċentivi lil dawk l-uffiċjali tal-korpi dixxiplinati li jkomplu jagħtu s-servizz tagħhom wara li jkunu taw 25 sena ta' servizz. Din l-inizjattiva ser tagħti l-opportunità lill-membri tal-korpi dixxiplinati sabiex itejbu l-pensjoni tagħhom bi 23% wara erba' snin ta' servizz addizzjonali.

Ser indaħħlu kunċett ta' pensjoni tas-servizz għal ħames snin lir-romol ta' uffiċjali fil-forzi dixxiplinati li jkunu ġew nieqsa jew qabel jagħlqu l-25 sena servizz jew fil-perjodu bejn l-għeluq tas-servizz u l-età tal-irtirar.

76% tal-lokalitajiet Maltin u Għawdxin huma koperti bis-servizz tal-Pulizija mal-komunità. Ser naraw li matul is-sena 2023 kull belt u raħal f'Malta jkunu koperti b'dan is-servizz.

Il-Forzi Armati ta' Malta għaddej bit-trasformazzjoni fl-użu ta' binjiet eżistenti bħal Virtual Small Arms Training Simulator b'investiment ta' €1.3 miljun u bini ġdid u faċilitajiet anċillari li ser jammontaw għal investiment ta' madwar €12 miljun.

B'nefqa ta' €10 miljun komplejna nsaħħu l-iskwadra tal-Ajru FAM b'attrezzar fil-flotta tagħha bl-aħħar tagħmir teknoloġiku, b'manutenzjoni fuq il-ħelikopters u l-ajruplani eżistenti, kif ukoll bix-xiri ta' trakkijiet li jirmonkaw l-ajruplani militari għal fuq l-Apron.

Komplew ukoll il-preparamenti loġistiċi sabiex nakkomodaw l-ikbar lanċa li ser ikollha l-Forzi Armati ta' Malta, bil-lanċa mistennija tasal Malta sa tmiem din is-sena u b'nefqa kofinanzjata minn fondi Ewropej ta' €53 miljun.

Ser ikompli l-investiment f'apparat u f'xiri ta' vetturi għall-Pulizija u l-Forzi Armati kif ukoll fire engines industrijali u domestiċi, vettura Hazmat bi trailer u tagħmir speċifiku tal-vetturi elettriċi għall-Protezzjoni Ċivili. Fis-sezzjoni Marittima nxtrat dgħajsa b' valur ta' €2 miljuni biex tlaħħaq malajr għal nirien fuq bċejjeċ

tal-baħar żgħar u medji, kif ukoll tipprovdi l-ewwel intervent fuq nirien f'bastimenti kbar.

## Servizzi Korrettivi

Matul is-sena 2023 ser tibda titħaddem il-liġi tal-Moniteraġġ Elettroniku wara l-approvazzjoni mill-Parlament. Ser tkompli wkoll il-ħidma fir-rinnovar tal-binjiet eżistenti tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, ix-xogħol fil-binja l-ġdida għal ċentru rijabilitat u ser jissaħħaħ is-sigurtà ta' madwar il-parametri tal-bini tal-Ħabs.

## L-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità

Sa mit-twaqqif tagħha, l-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità kienet ta' sapport għal aktar minn 1,600 vittma. Dawn jinkludi vittmi ta' reati kriminali bħal serq aggravat, frodi, vjolenza (inkluż vjolenza domestika), fastidju sesswali, kliem u azzjoni ta' mibegħda u oħrajn. Fl-2023 ser tkun qed topera helpline nazzjonali li tkun aċċessibbli 24 siegħa kuljum, u dan bil-għan li tkompli ssaħħaħ is-servizz ħolistiku lill-vittmi ta' bosta forom ta' kriminalità.

## Insaħħu l-ġlieda kontra l-Vjolenza Domestika

Wara t-tibdil riċenti li jirrikonoxxi l-femiċidu fil-kodiċi kriminali, ser insaħħu l-kumitat interministerjali biex jassigura ħidma aktar ħolistika mill-entitajiet kollha tal-Gvern kif ukoll mill-istakeholders nazzjonali u għaqdiet non-governattivi. Dan irid isir fil-kuntest tat-tisħiħ tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika.

Ser inwettqu wkoll programmi ta' taħriġ għal professjonisti f'dan il-qasam fosthom l-uffiċjali tal-pulizija, professjonisti fil-qasam tas-saħħa u fil-qasam soċjali, edukaturi u l-ġudikatura.

## Sostenibbiltà fit-tisħiħ tal-miżuri mħaddma kontra l-ħasil ta' flus u finanzjament tat-terroriżmu

Il-governanza tajba kienet u ser tibqa' prijorità sabiex niżguraw sostenibbiltà kif gwidati mill-FATF, MONEYVAL u organizzazzjonijiet oħra. Għalhekk filwaqt li għamilna ħilitna kollha sabiex noħorġu mil-lista l-griża tal-FATF fi żmien qasir, ser inkomplu niżguraw li dan il-livell jibqa' jinżamm b'mod effettiv. Għaldaqstant fejn ikun hemm bżonn ser ikomplu jsiru riformi sabiex il-fiduċja li ksibna fl-istituzzjonijiet tkompli tissaħħaħ. Għal dan il-għan, ser niżguraw li entitajiet bħall-FIAU, il-Malta Business Registry, l-MFSA, il-Pulizija, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, l-Asset Recovery Bureau u oħrajn jingħataw is-sapport kollu meħtieġ sabiex jibqgħu jagħmlu x-xogħol tagħhom b'mod effettiv. B'hekk inkomplu naċċertaw li l-entitatijiet liċenzjati ġewwa Malta ma jiġux użati għal ħasil ta' flus u finanzjament tat-terroriżmu.

# Kapitlu 10 - Inkomplu ninvestu fil-kultura u l-isport

Gvern Laburista investa sabiex il-wirt nazzjonali ta' pajjiżna jiġi mħares għall-ġenerazzjonijiet futuri tagħna wara snin ta' telqa.

Kif twiegħed ġiet ippubblikata l-Politika Kulturali Nazzjonali li qed tixpruna l-viżjoni u direzzjoni f'dan il-qasam għall-għaxar snin li ġejjin. Huwa abbażi ta' dan li ser jissawru l-investiment futuri fejn iridu jiġi attwati l-184 hekk imsejħa eżiti li qed jiġu proposti.

## Wirt Nazzjonali

Matul l-2022 ġew konklużi 20 proġett ta' restawr filwaqt li, bħalissa għaddejjin xogħlijiet varji fuq 25 proġetti oħra.

Fis-snin li ġejjin, ser jitlesta restawr fil-Palazz tal-Granmastru filwaqt li ser ikompli jsir investiment fir-restawr tas-swar u restawr ta' knejjes u kappelli f'diversi lokalitajiet.

Kompliet għaddejja l-ħidma fuq il-proġett ta' Tas-Silġ filwaqt li, ser ninvestu bis-sħiħ fir-rinnovar ta' Villa Guardamangia li hija l-unika dar barra mir-Renju Unit li għexet fiha r-Reġina Elizabetta II.

Għaddej ukoll abbozzar ta' tender għar-restawr tal-akwedotti fil-limiti tar-Rabat Għawdex li mistennija toħroġ dalwaqt b'valur ta' €2.5 miljun.

## Is-settur kulturali u kreattiv

Is-settur kulturali u kreattiv dejjem kien settur li baqa' jimraħ, jissaħħaħ u jikber. Ħdimna qatigħ biex nintroduċu miżuri u nkomplu nsaħħu l-pjattaforma tas-settur għaliex aħna rridu li nkomplu nibnu fuq is-sisien sodi li bdejna nibnu tul dawn l-aħħar snin. Dan komplejnieh waqt l-imxija tal-Covid-19, fejn investejna aktar minn €2 miljuni f'miżuri bħall-Event Assurance Scheme, is-Seat Utilisation Scheme u l-Programme Support Scheme li kienu ta' għajnuna kbira għas-settur. Barra minn hekk, fil-Baġit li għadda ħabbart tnaqqis fir-rata ta' taxxa fuq id-dħul tal-artisti.

Għall-ewwel darba fl-istorja ta' pajjiżna, Malta ser tieħu sehem fil-London Design Biennale biex isservi ta' vetrina għas-settur u l-qasam artistiku u kreattiv ta' pajjiżna, filwaqt li l-ħidma għall-parteċipazzjoni ta' Malta fil-Biennale ta' Venezja għall-edizzjoni li jmiss tal-2024, ser tibqa' għaddejja.

Is-sena 2023 ser tkun ukoll sena impenjattiva ferm għal MICAS, peress li din hija s-sena fejn għandhom jitlestew ix-xogħlijiet fuq il-galleriji, il-ġnien tal-iskultura, ir-raba' fażi tal-proġett kif ukoll ser jitlestew l-uffiċini amministrattivi.

## Sport

Ser inżidu l-ħin u jiġi stabbilit in-numru ta' lezzjonijiet minimu tal-Edukazzjoni Fiżika. Diġà qed nistudjaw proġett pilota li għaddej biex nimxu lejn mudell fejn it-tfal ikollhom sessjoni waħda ta' attività fiżika kuljum.

Wara li ġew sottomessi l-pjanti għall-bini ta' ċirkwit ġdid f'Ħal Far, ser naraw li dan jinbena u jitlesta f'din il-leġiżlatura.

L-investiment min-National Development and Social Fund (l-NDSF) għall-bini ta' Ċentru Nazzjonali tal-Motorsport f'Ħal Far ser jara upgrade tat-trakki eżistenti tad-drag racing u l-karting. Dan iċ-ċirkwit ser jgħolli l-livell tal-motorsports u jattira kampjonati ġodda lejn pajjiżna.

B'investiment li jlaħħaq €9 miljun ser inkomplu bl-investiment biex inbiddlu l-Kumpless Sportiv tal-Marsa f'hub sportiv ta' livell internazzjonali kif ukoll bl-investiment biex il-korsa tal-atletika tal-Marsa tinbidel fi trakka tal-aqwa livell.

Ser naraw li jitlestew f'din il-leġiżlatura l-pixxina ta' daqs olimpiku f'Bormla u x-xogħol fuq il-faċilitajiet sportivi f'dik li kienet l-iskola Maria Assunta fil-Ħamrun.

Fuq kollox, ser jissoktaw il-preparamenti biex pajjiżna jospita b'suċċess il-Logħob għall-Pajjiżi ż-Żgħar fl-2023. Dan ser ikun avveniment mill-iktar importanti għall-atleti tagħna li fit-taħriġ u l-preparazzjoni tagħhom ukoll qed nagħmlu investiment rekord.

Bl-istess mod qed inħejju għall-UEFA Under-19 European Championship fl-2023.

Tissokta wkoll it-tkomplija tar-rinnovar ta' numru ta' faċilitajiet sportivi.

Flimkien ma' xogħol fuq il-Mużew ta' Għawdex, tkompla wkoll il-proġett tal-bini taċ-Ċentru Akkwatiku li jinkorpora fih ir-restawr u ż-żieda ta' aktar faċilitajiet sportivi. Ix-xogħlijiet issa huma avvanzati sew u mistennija li jitkomplew matul is-sena 2023. Dan il-proġett ser ikun qed joffri faċilitajiet ġodda għal Għawdex kif ukoll qed ipoġġi lil Għawdex f'qagħda li jattira turiżmu sportiv. Hija ħolma li ser narawha ssir realtà wkoll fi żmien mhux imbiegħed.

## Żieda fit-tax rebate għal attivitajiet sportivi, artistiċi jew kulturali

Ser inżidu t-tax rebate minn €100 għal €300 fis-sena għall-ġenituri li jibagħtu lil uliedhom għal attivitajiet sportivi, artistiċi jew kulturali.

## Konklużjoni

Sur President, il-poplu ċertezza waħda għandu: magħna tafu fejn qegħdin.

Għaliex dan huwa Gvern li minkejja l-isfidi,

minkejja l-ispiża fl-enerġija,

minkejja li qed ninvestu iżjed mis-sena l-oħra,

minkejja li għollejna bis-saħħa l-pensjonijiet,

id-defiċit ta' pajjiżna ser jerġa' jonqos.

Illum aħna ġejna hawn bħala Gvern - spjegajna l-isfidi - u ma ddejjaqniex ngħidu fejn hu sabiħ u fejn hu anqas sabiħ.

Li hu abjad għidnielu abjad u li hu iswed għidna li hu iswed. Għax hekk titlob l-onestà politika.

Id-dinja hija waħda kumplessa iżda determinati li nipproteġu u ntejbu l-għajxien tan-nies.

Però żgur li d-dinja mhix kollox dlam u negattività kif ipinġiha ħaddieħor.

Pajjiżi bid-difetti kollha tiegħu, jibqa' pajjiżi.

Pajjiżi bid-difetti kollha tiegħu, nibqa' niġġieled għalih.

Għax pajjiżi mhux difetti biss għandu.

Għandu qlubija. Għandu reżiljenza. Għandu t-tama ta' niesu. Għandu r-rieda li jibqa' jtejjeb. Li jibqa' jinbidel.

Lill-familji ngħidulhom ser tibqgħu ssibuna warajkom. Ser tibqgħu taraw fortizza li tipproteġikom mill-għawġ ta' barra. Mhux ser nagħmlu mirakli iżda ser nagħmlu ħidma sfiqa.

Lill-familji ngħidulhom li ser nibqgħu ngħinukom. Malta hija l-art fejn l-progress għandu jasal għand kulħadd.

Lill-anzjani tagħna ngħidulhom kif intom kontu hemm għalina, aħna ser inkunu hemm għalikom u ser nibqgħu ngħinukom għax dan baġit soċjali ieħor minn Gvern soċjali.

Lill-pensjonanti ngħidilhom erġajtu sibtuna hemm għalikom. Minkejja l-maltemp ser tibqgħu taraw il-pensjoni tagħkom tiżdied anke din is-sena.

M'aħniex se nħallukom lura. Irridu naraw li nibqgħu npattu għall-ġid li ħallejtulna.

Lil dawk li f'dan il-pajjiż joħolqu l-ġid ngħidulhom komplu iftħu l-bibien tal-opportunitajiet

u liż-żgħażagħ ngħidulhom iġru wara l-opportunitajiet u aspiraw għal pajjiż dejjem aħjar.

Lill-ħaddiema ngħidulhom aħna l-vuċi tagħkom. Ma ħallejnikomx weħidkom waqt il-pandemija u mhux se nħallukom issa.

Aħna dawk li qegħdin naraw kif nassiguraw ix-xogħol u l-għajxien tagħkom. Għax bniedem mingħajr xogħol denju huwa bniedem mingħajr dinjità. Għalhekk saħħa 'l-ħaddiem.

Faċli naqgħu fin-negattività. Faċli naqgħu fin-nasba tal-kummenti fuq l-internet.

Iżda kif omm waħda biss jista' jkollok, pajjiż wieħed biss jista' jkollok. Sta għalina li ntejbu - permezz tal-onestà, permezz tat-trasparenza u permezz tal-kontabbiltà f'dak li nagħmlu.

Fuq hekk ġie bbażat il-messaġġ tal-lum.

Saħħa 'l-ħaddiem u seddaq l-għaqda. Għax meta nkunu magħqudin dan il-poplu jista' jaffaċċja l-ikbar sfidi fl-istorja tiegħu u għax konna magħqudin, irbaħna u bnejna pajjiż.

Saħħa 'l-ħaddiem f'din l-art ħelwa. Għax din hija art mimlija kontradizzjonijiet u lwien imma hija art imprezzabbli għax hija darna.

Din hija Malta li dejjem ħadet ħsieb lil uliedha.

Din hija Malta li minn kolonja saret nazzjon.

Din hija Malta libera u qalbiena.

Din hija Malta li tagħti saħħa 'l-ħaddiem.

Din hija Malta magħquda li tirrifjuta d-diviżjoni.

Din hija Malta li tista' tkompli tkun aħjar.

Din hija Malta li ser tibqa' tiġġieled għall-progress.

Din hija Malta li għada ser ikollha futur isbaħ.

## Tabella A.1

**IL-QAGĦDA FISKALI 2021 - 2025**

| | 2021 Attwali € '000 | | 2022 Rivedut € '000 | | 2023 Estimi € '000 | | 2024 Estimi € '000 | | 2025 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 4,897,429 | | 5,376,000 | | 5,756,763 | | 6,059,658 | | 6,413,043 | |
| Dħul Ieħor | 514,784 | | 554,249 | | 611,357 | | 458,524 | | 482,958 | |
| Dħul Totali | | 5,412,213 | | 5,930,249 | | 6,368,120 | | 6,518,182 | | 6,896,001 |
| Nefqa Rikurrenti | | 5,715,010 | | 5,854,977 | | 6,206,817 | | 6,318,279 | | 6,388,205 |
| Nefqa Kapitali | | 746,831 | | 856,341 | | 922,224 | | 725,301 | | 800,016 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) qabel l-Imgħax | (1,049,628) | | (781,069) | | (760,921) | | (525,398) | | (292,220) | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 184,249 | | 173,578 | | 219,000 | | 282,000 | | 300,000 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | (487,046) | | (98,306) | | (57,697) | | (82,097) | | 207,796 | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(1,233,877)** | | **(954,647)** | | **(979,921)** | | **(807,398)** | | **(592,220)** |
| *Finanzjament* | | | | | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(462,502)* | | *(468,964)* | | *(445,637)* | | *(489,299)* | | *(459,728)* | |
| *Ħlas Lura Kmieni ta' MGRSB* | *(5,090)* | | *(6,669)* | | *(5,598)* | | *(3,875)* | | *(2,900)* | |
| *Ħlas lura ta' Self Barrani* | - | | - | | - | | - | | *(80,000)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(50)* | | *(50)* | | *(50)* | | *(49)* | | *(49)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Fund Specjali MGS* | *(30,000)* | | *(25,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(34,500)* | | *(45,038)* | | *(12,510)* | | *(10)* | | *(10)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti mill-Gvern* | *2,226* | | *2,784* | | *2,784* | | *2,784* | | *2,784* | |
| *Bejgħ ta' Ishma / Assi* | *889* | | *889* | | *889* | | *889* | | *889* | |
| | | *(529,027)* | | *(542,048)* | | *(490,122)* | | *(519,560)* | | *(569,014)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(1,762,904)* | | *(1,496,695)* | | *(1,470,043)* | | *(1,326,958)* | | *(1,161,234)* |
| *Self Barrani* | | *300,584* | | - | | - | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(807,682)* | | *(715,895)* | | *(1,012,590)* | | *(882,633)* | | *(909,591)* | |
| *Self Lokali* | *1,554,107* | | *1,200,000* | | *1,600,000* | | *1,300,000* | | *1,250,000* | |
| | | *746,425* | | *484,105* | | *587,410* | | *417,367* | | *340,409* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(715,895)* | | *(1,012,590)* | | *(882,633)* | | *(909,591)* | | *(820,825)* |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(1,233,877)** | | **(954,647)** | | **(979,921)** | | **(807,398)** | | **(592,220)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **90,980** | | **6,647** | | **7,921** | | **14,398** | | **28,220** |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(1,142,897)** | | **(948,000)** | | **(972,000)** | | **(793,000)** | | **(564,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **14,681,315** | | **16,337,000** | | **17,537,383** | | **18,690,348** | | **19,828,068** | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-7.8%** | | **-5.8%** | | **-5.5%** | | **-4.2%** | | **-2.8%** | |

## Tabella A.2

**IL-BILANĊ TAD-DEJN TAL-GVERN**

| '000 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 |
|---|---|---|---|---|---|
| Stocks tal-Gvern | 6,265,121 | 7,060,000 | 8,319,508 | 9,257,872 | 10,147,362 |
| Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta | 474,942 | 375,375 | 282,573 | 185,698 | 94,512 |
| Bills tat-Teżor | 576,920 | 890,000 | 763,000 | 787,000 | 695,000 |
| Self minn Barra | 420,717 | 420,591 | 420,463 | 420,342 | 340,229 |
| EBU's / Kunsilli Lokali | 154,383 | 154,402 | 154,402 | 154,402 | 154,402 |
| Munita | 93,502 | 105,963 | 112,049 | 118,743 | 126,106 |
| ESA Rerouted Debt | 282,209 | 300,337 | 320,337 | 340,337 | 345,337 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż** | **8,267,794** | **9,306,668** | **10,372,332** | **11,264,394** | **11,902,948** |
| Prodott Domestiku Gross | 14,681,315 | 16,337,000 | 17,537,383 | 18,690,348 | 19,828,068 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **56.32%** | **56.97%** | **59.14%** | **60.27%** | **60.03%** |

# Tabella A.3

**IL-QAGĦDA FISKALI 2021 - 2022**

| | 2021 | | 2022 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Attwali | | Approvat | | Rivedut | |
| | € '000 | | € '000 | | € '000 | |
| Fond Konsolidat | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 4,897,429 | | 5,134,325 | | 5,376,000 | |
| Dħul Ieħor | 514,784 | | 570,385 | | 554,249 | |
| Dħul Totali | | 5,412,213 | | 5,704,710 | | 5,930,249 |
| Nefqa Rikurrenti | | 5,715,010 | | 5,329,471 | | 5,854,977 |
| Nefqa Kapitali | | 746,831 | | 930,897 | | 856,341 |
| Bilanc / Żbilanċ qabel l-Imgħax | (1,049,628) | | (555,658) | | (781,069) | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 184,249 | | 181,417 | | 173,578 |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti** | **(487,046)** | | **193,822** | | **(98,306)** | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(1,233,877)** | | **(737,075)** | | **(954,647)** |
| *Finanzjament* | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | (462,502) | | *(469,567)* | | *(468,964)* | |
| *Ħlas Lura Kmieni ta' MGRSB* | (5,090) | | *(5,850)* | | *(6,669)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Barrani* | - | | - | | - | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Bar* | (50) | | *(50)* | | *(50)* | |
| *Kontribuzzjonijiet Sinking Fund Specjali MC* | (30,000) | | *(25,000)* | | *(25,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | (34,500) | | *(5,038)* | | *(45,038)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti mill-Gvern* | 2,226 | | *2,784* | | *2,784* | |
| *Bejgħ ta' Ishma /Assi* | 889 | | *889* | | *889* | |
| | | *(529,027)* | | *(501,832)* | | *(542,048)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(1,762,904)* | | *(1,238,907)* | | *(1,496,695)* |
| *Self Barrani* | | *300,584* | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(807,682)* | | *(731,335)* | | *(715,895)* | |
| *Self Lokali* | *1,554,107* | | *1,200,000* | | *1,200,000* | |
| | | *746,425* | | *468,665* | | *484,105* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(715,895)* | | *(770,242)* | | *(1,012,590)* |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(1,233,877)** | | **(737,075)** | | **(954,647)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **90,980** | | **(113,625)** | | **6,647** |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(1,142,897)** | | **(850,700)** | | **(948,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **14,681,315** | | **15,162,720** | | **16,337,000** | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-7.8%** | | **-5.6%** | | **-5.8%** | |

***STATEMENT* A**

**DĦUL 2022 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MIT-TAXXI** | | | | | |
| Diretti - Taxxa tad-Dħul | 1,920,000,000 | 2,180,000,000 | 260,000,000 | - | Mistenni dħul akbar sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit u kif jidher ma' dak rivedut. |
| Sigurta` Soċjali | 1,215,280,000 | 1,288,000,000 | 72,720,000 | - | B'riżultat tal-qagħda fl-impjiegi mistenni jimmaterjalizza dħul akbar taħt il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali. |
| Indiretti - Dwana u Sisa | 345,100,000 | 317,000,000 | - | 28,100,000 | Dħul anqas mistenni sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst taħt *Machine-made Cigarettes* u *Petroleum* minħabba miżuri mħabbra. Mistenni dħul akbar taħt *Import Duty - Ad Valorem* . |
| Liċenzji, Taxxi u Multi | 389,700,000 | 366,000,000 | - | 23,700,000 | Dħul anqas mistenni sal-aħħar tas-sena fuq taxxa fuq dokumenti u fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozzi. |
| Taxxa fuq il-Valur Miżjud | 1,264,245,000 | 1,225,000,000 | - | 39,245,000 | Mistenni dħul anqas sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit u kif jidher ma' dak rivedut. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MIT-TAXXI** | **5,134,325,000** | **5,376,000,000** | **241,675,000** | | |

***STATEMENT* A**

**DĦUL 2022 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL IEĦOR** | | | | | |
| Drittijiet ta' Uffiċċju | 114,938,000 | 117,918,000 | 2,980,000 | - | Mistenni dħul aktar sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit u kif jidher ma' dak rivedut taħt *Guarantee Fees* and *Residency Malta Agency*. |
| Bejgħ | 42,214,000 | 44,144,239 | 1,930,239 | - | Mistenni dħul akbar sal-ahhar tas-sena taħt *Homes/Institutions for the Elderly*. |
| Ħlas lura lid-Dipartimenti | 4,803,000 | 2,303,000 | - | 2,500,000 | Dħul anqas mistenni sal-aħħar tas-sena prinċipalment fuq *Non-Contributory Social Assistance* u *Indirect Cost related to EU projects*. |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 18,400,000 | 22,172,636 | 3,772,636 | - | Id-differenza turi d-dħul attwali meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit u kif jidher ma' dak rivedut. |
| Kera | 35,880,000 | 35,880,000 | - | - | |

***STATEMENT* A**

**DĦUL 2022 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL IEĦOR (ikompli)** | | | | | |
| Profitti minn Investimenti | 46,600,000 | 48,105,000 | 1,505,000 | - | L-istima riveduta għas-sena tirrifletti d-dħul mistenni fuq *Dividends* . |
| Interessi fuq self mogħti mill-Gvern | 276,000 | 276,000 | - | - | |
| Għotjiet Barranin | 248,426,000 | 212,602,000 | - | 35,824,000 | Id-differenza fid-dħul għal din is-sena ġejja mir-rimburż mill-Unjoni Ewropeja taħt il-programmi varji. |
| Dħul Mixxellanju | 58,848,000 | 70,848,000 | 12,000,000 | - | Dħul akbar huwa mistenni taħt *Proceeds from Auctioning of Emission Trading Units* u *Miscellaneous Receipts* . |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL IEĦOR** | **570,385,000** | **554,248,875** | | **16,136,125** | |
| **DĦUL TOTALI** | **5,704,710,000** | **5,930,248,875** | **225,538,875** | | |

***STATEMENT* A**

**DĦUL 2022 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MHUX ORDINARJU** | | | | | |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | 1,200,000,000 | 1,200,000,000 | - | - | |
| Ħlas lura ta' self mogħti mill-Gvern | 2,784,000 | 2,784,000 | - | - | |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | 889,000 | 889,000 | - | - | |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MHUX ORDINARJU** | **1,203,673,000** | **1,203,673,000** | | | |
| **DĦUL GLOBALI** | **6,908,383,000** | **7,133,921,875** | **225,538,875** | | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2022: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 Uffiċċju tal-President | 4,903,000 | 5,550,000 | 647,000 | - | Fondi addizzjonali huma ipprovduti taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives (Hosting of Conferences)* minħabba il-Konferenza tal-Arriolos. |
| 2 Kamra tad-Deputati | 10,928,000 | 10,928,000 | - | - | |
| 3 Uffiċċju tal-Ombudsman | 1,420,000 | 1,420,000 | - | - | |
| 4 Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | 3,900,000 | 3,900,000 | - | - | |
| 5 Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika | 759,000 | 759,000 | - | - | |
| 6 Uffiċċju tal-Prim Ministru | 62,139,000 | 63,492,000 | 1,353,000 | - | Infiq anqas huwa mistenni taħt *Salaries and Wages* u *Allowances* u taħt il-kategorija Operation and Maintenance Expenses *(Travel).* Dan se jagħmel tajjeb għal żieda taħt il-kategorija tal-Kontribuzjonijiet tal-Entitajiet tal-Gvern biex jitħallsu skemi ta' l-irtirar taħt *Resource Support and Services Ltd.* |
| 7 Informazzjoni | 1,450,000 | 1,613,000 | 163,000 | - | |
| 8 Stamperija tal-Gvern | 1,794,000 | 1,813,000 | 19,000 | - | |
| 9 Uffiċċju Elettorali | 7,741,000 | 9,429,000 | 1,688,000 | - | |

## *STATEMENT B*

## NEFQA RIKORRENTI 2022: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku | 714,000 | 694,000 | - | 20,000 | |
| 11 Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali | 2,138,000 | 2,036,000 | - | 102,000 | |
| 12 Ministeru għas-Saħħa | 897,353,000 | 911,574,000 | 14,221,000 | - | Spiża ogħla mistennijja taħt l-kategorija tal-*Personal Emoluments* (*Overtime*), taħt il-kategorija *Operation and Maintenance Expenses* (*Transport and Contractual Services*) kif ukoll fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi (*Covid-19 Supplies*). Dan se jkun kkompensat b'ispiża anqas taħt l-istess kategorija (*New Medicines, Chief Medical Officer Medicines and Surgical Materials, National Diabetes Strategy and Long Term Medical Beds*). |
| 13 Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej | 48,421,000 | 53,637,000 | 5,216,000 | - | Spiża ogħla hija mistennija fil-kategorija tal-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* u *Social Security Contributions*), kif ukoll fil-kategorija tal-*Operations and Maintenance Expenses* (*Rent, Travel, Contractual Services* u *Professional Services*). Fondi supplementari huma mitennija taħt *European Peace Facility, Overseas Development Aid* u *Trade Malta*. |
| 14 Ministeru għall-Anzjani u l-Anzjanita' Attiva | 211,933,000 | 208,939,000 | - | 2,994,000 | Nefqa anqas hija mistennija fil-kategorija tal-*Personal Emoluments*, u taħt il-kategorija *Operation and Maintenance Expenses.* |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2022: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 15 Ministeru għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Kordinazzjoni tal-Istrateġija wara COVID-19 | 22,653,000 | 6,754,000 | - | 15,899,000 | It-tibdil f'dan il-vot kellu jsir minħabba tranferimenti ta' spiża biex jirrifletti it-tibdil fid-dekasterjali ministerjali. |
| 16 Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali | 57,899,000 | 61,286,000 | 3,387,000 | - | Fondi supplimentary huma mistennijja sa l-aħħar tas-sena taħt l-kategorija tal-Kontribuzjonijiet tal-Entitajiet tal-Gvern (*Heritage Malta* ). |
| 17 Gvern Lokali | 56,257,000 | 55,240,000 | - | 1,017,000 | Nefqa anqas mistennija fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi fis-*Support to the Community Workers Scheme* u *Local Councils' Special Initiatives.* |
| 18 Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali | 115,951,000 | 123,215,000 | 7,264,000 | - | Mistennija nefqa akbar taħt *Salaries and Wages* kif ukoll fil-Kategorija tal-Programmi u Inizjattivi taħt il-*Grant for Electric Bicycles and Motorcyles*, *Scrappage Scheme to Purchase Motor Cycle*, *Public Service Obligation - Inter-Island Transportation* u il-*Grant for Electric Vehicles*. Nefqa anqas hija antiċipata taħt *Transport Malta - Administrative Fee* u it-*Transport Safety Investigation Agency*. |
| 19 Ministeru għas-Solidarjeta' u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal | 61,616,000 | 59,571,000 | - | 2,045,000 | Infiq inqas mistenni jimmaterjalizza fil-kategorija *Personal Emoluments,* l-aktar taħt *Salaries and Wages,* kif ukoll fil-Kategorija tal-Programmi u Inizjattivi. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2022: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 20 Politika Soċjali | 413,739,000 | 425,566,000 | 11,827,000 | - | Spiża akbar hija meħtieġa taħt *State Contribution* fil-kategorija Programmes and Initiatives bħala riżultat ta' dħul akbar mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali. |
| 21 Benefiċċji tas-Sigurta' Soċjali | 1,212,984,000 | 1,204,484,000 | - | 8,500,000 | Mistennija nefqa anqas fil-*Retirement Pensions* u *Old Age Pensions* . |
| 22 Pensjonijiet | 104,228,000 | 103,728,000 | - | 500,000 | Mistennija nefqa anqas taħt il-*Pensions and Gratuities* . |
| 23 Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza | 41,899,000 | 48,294,000 | 6,395,000 | - | L-ispiza inqas taħt l-kategorija tal-Personal Emoluments fis-*Salaries and Wages* u taħt l-kategorija tal-Kontribuzjonijiet lil Entitiajiet tal-Gvern se tkopri parzjalment iż-żieda fis-*Summoning and Expenses of Witnesses, Jurors and Experts in Criminal Court Trials* taħt l-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi. |
| 24 Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali | 40,839,000 | 53,147,000 | 12,308,000 | - | Fondi supplimentari kienu meħtieġa taħt il kategorija tal-Operational and Maintentance (*Contractual Services*), kif ukoll taħt l-iskema tal l-'Insurance Guarantee'. Spiża aktar hija mistennija minħabba is-Segretarju Parlamentari il-ġdid. |
| 25 Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali | 40,092,000 | 39,582,000 | - | 510,000 | Mistennija anqas sovvenzjoni sal-aħħar tas-sena, kif imqabbla mal-estimi approvati. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2022: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 26 Ministeru għall-Edukazzjoni | 366,515,000 | 377,074,000 | 10,559,000 | - | It-trasferiment ta' l-ispiża minn *items* originarjament ipprovduti taħt voti oħra minnħabba il-bidla fid-dekasteri wassal għal varjazzjoni taħt dan il-vot. |
| 27 Edukazzjoni | 337,598,000 | 363,961,000 | 26,363,000 | - | Varjazzjoni hija maħsuba taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi speċifikament biex tkopri l-ispiża tat-Trasport b'xejn offrut lill-iskejjel tal-gvern, tal-knisja u dawk privati. |
| 28 Ministeru għall-Ekonomija u l-Industrija | 49,807,000 | 48,660,000 | - | 1,147,000 | Huwa maħsub li il-baġit approvat taħt il-kategorija tal-programmi u l-inizjattivi mhux ser jiġi uzat kollu sal-aħħar tas-sena. |
| 29 Kummerċ | 1,935,000 | 1,935,000 | - | - | |
| 30 Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalita' tal-Ħajja | 59,257,000 | 53,109,000 | - | 6,148,000 | It-tibdil f'dan il-vot kellu jsir minħabba tranferimenti ta' spiża biex jirrifletti it-tibdil tal-portafolji ministerjali. |
| 31 Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar | 87,823,000 | 73,931,000 | - | 13,892,000 | Anqas nefqa mistennija taħt l-kategorija tal-Personal Emoluments taħt *Salaries and Wages, Social Security Contributions* u *Allowances*, kif ukoll taħt s-*Solid Waste Management Strategy* fil-kategorija tal-Programmi u l-Inizjattivi. |
| 32 Ambjent Malta | 18,624,000 | 18,510,000 | - | 114,000 | Qed tigi imbassra nefqa anqas taħt l-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi sal-aħħar tas-sena. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2022: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 33 Ministeru għall-Għawdex | 57,241,000 | 58,470,000 | 1,229,000 | - | L-ispiża taħt *Salaries and Wages* u l-*Agriculture, Fisheries u Animal Welfare Services* mistennija tkun akbar. Mill-banda l-oħra in-nefqa taħt *Tourism Promotion including Product and Human Development* u il-*Gozo Employment and Youth Trial Schemes* hija antiċipata li tkun anqas minn dik oriġinali. |
| 34 Ministeru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi | 65,639,000 | 69,185,000 | 3,546,000 | - | Mistennija żieda fil-fondi minħabba ċaqliq fil-Kategorija tal-Programmi u Inizjattivi wara l-bidla fid-dekasteri ministerjali. Min-naħa l-oħra, meta wieħed jipparaguna mal-istimi oriġinali hija mistennija anqas nefqa taħt *Detention Service.* Aktar fondi huma meħtieġa taħt il-Kategorija tal-*Personal Emoluments,* speċjalment taħt *is-Salaries and Wages* u *Allowances*, kif ukoll taħt *Agency for Welfare of Asylum Seekers* mill-kategorija *Contributions to Government Entities.* |
| 35 Forzi Armati ta' Malta | 69,222,000 | 65,760,000 | - | 3,462,000 | L-ispiża taħt *Salaries and Wages* u *Allowances* mistennija tkun anqas mil-istima oriġinali. |
| 36 Pulizija | 86,317,000 | 86,147,000 | - | 170,000 | |
| 37 *Probation and Parole* | 1,523,000 | 1,506,000 | - | 17,000 | |
| 38 Protezzjoni Ċivili | 10,593,000 | 10,549,000 | - | 44,000 | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2022: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 39 Ministeru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur | 150,699,000 | 145,543,000 | - | 5,156,000 | Mistenni li jkun hemm anqas infiq fil-Personal Emoluments (*Salaries and Wages* and *Allowances*) u l-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi (*Radiation Protection Commission u Malta Laboratory Network*), flimkien ma fondi li ġew trasferiti mill-kategorija tal-Kontribuzjonijiet għal Entitajiet tal-Gvern. Dan in-nuqqas t'infieq se jagħmel parzjalment tajjeb għaż-żieda il-Programmi u Inizjattivi (*Screen Malta*). |
| 40 Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża, u l-iŻvilupp Sostenibbli | 177,492,000 | 567,232,000 | 389,740,000 | - | Spiża ogħla mistennijja taħt il-kategorija tal-Personal Emoluments (*Salaries and Wages u Allawances*). Ġew allokati fondi taħt l-kategorija tal-Programmes and Initiatives (*Gas Stabilisation Fund, Electricity Distribution Network* u *Energy Support Measures*). Iż-żieda fl-ispiza ġiet ikkompensata parzjalment min nuqqas ta' spiza f'programmi oħra taħt l-kategorija tal Programmi u Inizjattivi. |
| 41 Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol | 296,078,000 | 311,108,000 | 15,030,000 | - | Spiża ogħla mistennijja taħt l-Operational and Maintenance (*Contractual and Professional Services*) u l-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi. |
| 42 Politika Ekonomika | 1,927,000 | 2,036,000 | 109,000 | - | Spiża ogħla mistennijja taħt l-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages and Allowances*). |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2022: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 43 It-Teżor | 31,851,000 | 99,156,000 | 67,305,000 | - | Spiża ogħla hi mistennijja taħt l-Programmi u Inizjattivi (Tax Relief Measure). Fondi gew allokati ukoll għall-Economic Stimulus Payment fis-sena kurrenti. |
| 44 Ħlasijiet fuq Self | 681,884,000 | 674,046,000 | - | 7,838,000 | L-ispiża taħt *Local Borrowing - Interest (MGS) item* mistennija tkun anqas mill-istima oriġinali. |
| 45 Kummissarju tat-Taxxi | 21,467,000 | 26,717,000 | 5,250,000 | - | Spiża ogħla mistennijja taħt l-Programmi u Inizjattivi (prattikament taħt *Expenditure Reporting Schemes* ). |
| 46 Dwana | 13,206,000 | 14,635,000 | 1,429,000 | - | Spiża ogħla mistennijja taħt l-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages and Allowances* ). |
| 47 Kuntratti | 2,407,000 | 3,601,000 | 1,194,000 | - | Spiża ogħla mistennijja taħt l-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages and Allowances* ). |
| **NEFQA RIKORRENTI TOTALI U ĦLASIJIET FUQ SELF** | **6,012,855,000** | **6,529,522,000** | **516,667,000** | - | |

## STATEMENT Ċ
## NEFQA KAPITALI 2022: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| I Uffiċċju tal-President | 476,000 | 326,000 | - | 150,000 | |
| II Kamra tad-Deputati | 1,749,000 | 1,749,000 | - | - | |
| III Uffiċċju tal-Prim Ministru | 53,312,000 | 51,033,000 | - | 2,279,000 | Spiża anqas hi antiċipata taħt Property, Plant and Equipment (*Servizz.gov* u *Broadcasting Authority*), *Asylum, Migration and Integration Fund* u Fondi Strutturali 2014-2020, li se jiġu parzjalment allokati fi spiża akbar taħt l-*Internal Security Fund - Borders and Visa*, u *Internal Security Fund - Police* |
| IV Ministeru għas-Saħħa | 75,363,000 | 58,548,000 | - | 16,815,000 | Spiża anqas hi antiċipata taħt l-Fondi Strutturali 2014-2020, *National Recovery and Resilience Plan* u *Property, Plant and Equipment (Oncology u Mount Carmel Hospital)* |
| V Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej | 4,067,000 | 5,953,000 | 1,886,000 | - | Mistennija spiża akbar taħt dan il-Vot minħabba xiri ta' propjetà fi New York. |
| VI Ministeru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva | 6,548,000 | 5,840,000 | - | 708,000 | Spiża anqas hi antiċipata taħt l-Fondi Strutturali 2014-2020 |
| VII Ministeru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazjoni | 2,957,000 | 963,000 | - | 1,994,000 | It-tibdil f'dan il-vot kellu jsir minħabba tranferimenti ta' spiża biex jirriflettu it-tibdil fid-dekasteri ministerjali. |

**STATEMENT Ċ**

**NEFQA KAPITALI 2022: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| VIII | Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali | 31,381,000 | 28,416,000 | - | 2,965,000 | Għalkemm huwa mistenni zieda fl-ispiza tal-*Grandmasters Palace Regeneration Project*, nefqa anqas hi antiċipata taħt numru ta' proġetti iffinanzjati lokalment u taħt Fondi Strutturali 2014-2020 u *EEA/Norwegian Financial Mechanisms 2014-2020* li huma proġetti iffinanzjati mill-Ewropa. |
| IX | Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali | 177,420,000 | 216,547,000 | 39,127,000 | - | In-nefqa mistennija tkun akbar taħt il-*European Maritime and Fisheries Fund 2014-2020*, *National Recovery and Resilience Plan*, il-proġett ta' Ta' Qali National Park, u l-proġetti relatati mat-toroq u l-marittimu. Nefqa anqas hija antiċipata taħt il-fondi strutturali 2014-2020, il-*Connecting Europe Facility*, il-fondi ta' Koezjoni 2014-2020, il-proġett ta' l-estensjoni tal-Għadira, il-programm ta' riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, ir-rikostruzzjoni ta' Lascaris Wharf u l-*Vehicle Registration and Administration System*. |
| X | Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal | 4,348,000 | 3,316,000 | - | 1,032,000 | Hija antiċipata spiża anqas taħt *ICT - Software* u *ICT - Support* kif ukoll taħt *Fund for the European Aid to the Most Deprived*. Spiża akbar hija mistennija taħt *EEA/Norwegian Financial Mechanisms 2014 - 2020.* |

**STATEMENT Ċ**

**NEFQA KAPITALI 2022: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XI | Ministeru għall-Ġustizzja u l-Governanza | 6,119,000 | 4,758,000 | - | 1,361,000 | Nefqa anqas mistennija taħt l-*State Advocate Capital Programme* li se tkopri parti miż-żieda lil programm iffinanzjat mill-Ewropa *National Recovery and Resilience Plan* . |
| XII | Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali | 37,747,000 | 31,978,000 | - | 5,769,000 | Spiza anqas hija antiċipata pimarjament taħt proġetti iffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja. |
| XIII | Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali | 3,711,000 | 2,843,000 | - | 868,000 | Hija anticipata spiża anqas taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020. |
| XIV | Ministeru għall-Edukazzjoni | 93,359,000 | 82,594,000 | - | 10,765,000 | Spiża aktar għolja hija antiċipata fil vot Kapitali taħt l-*item Non-State Schools Information Technology in Government Schools* , kif ukoll minħabba it-trasferiment ta' items minħabba l-bidla fid-dekasteri. Dan ġie ikkumpensat bi spiża anqas taħt *ICT Software* , Fondi Strutturali 2014-2022. *European Territorial Cooperation Programme, Direct Management Funds, National Recovery and Resilience Plan* u il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. |
| XV | Ministeru għall-Ekonomija, u l-Industrija | 45,081,000 | 54,790,000 | 9,709,000 | - | Spiża akbar hija mistennija taħt is-Security Posture Programme, filwaqt li spiża inqas hija mistennija taħt *Airport Taxi Ways, Upgrading of Roads in Industrial Estates* u *Single Digital Gateway Regulation* . |

## STATEMENT Ċ
## NEFQA KAPITALI 2022: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XVI | Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja | 31,071,000 | 13,843,000 | - | 17,228,000 | It-trasferiment ta' fondi minn vot Kapitali għal iehor seħħet minħabba l-bidliet fid-dekasteri ministerjali. |
| XVII | Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil tal-Klima u l-Ippjanar | 47,503,000 | 28,304,000 | - | 19,199,000 | Spiża anqas hi anticipata taħt l-Ministeru, *European Maritime and Fisheries Fund 2014-2020*, Fondi Strutturali 2014-2020, *Waste Management*, l-Awtorita' tar-Riżorsi Ambjentali u l-Awtorita' tal-Bini u Kostruzzjoni. |
| XVIII | Ministeru għal Għawdex | 27,043,000 | 22,735,000 | - | 4,308,000 | In-nefqa mistennija li tkun anqas taħt l-*items* ta' l-akkomodazzjoni ghall-istudenti f'Malta, il-qrati f'Għawdex, il-*European Territorial Cooperation Programmes 2014 - 2020*, *Gozo Museum* u il-*Gozo Aquatic Centre*. |
| XIX | Ministeru għall-Intern, Is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi | 61,880,000 | 54,236,000 | - | 7,644,000 | Spiża anqas mistennija l-aktar taħt *ICT Software, National Risk Reduction Strategy, Property, Plant and Equipment (Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi)*, *National Identity Management Systems, Person Register, Fire Stations* (Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili) u l-Programm Kapitali tal-Forzi Armati ta' Malta. |

## STATEMENT Ċ

## NEFQA KAPITALI 2022: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XX | Ministeru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumaturi | 23,551,000 | 24,431,000 | 880,000 | - | Żieda fl-ispiża hi mistennija taħt l-Fondi Strutturali 2014-2020 u taħt l-Kummissjoni Maltija tal-Films. Din l-ispiża mistennija tiġi parzjalment kompensata b'nuqqas ta' infiq fin-*National Recovery and Resilience Plan*, u fil- *Policy Development and Programme Implementation Directorate*. |
| XXI | Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli | 96,837,000 | 82,175,000 | - | 14,662,000 | Nefqa akbar hi antiċipata taħt l-Fondi Strutturali 2014 - 2020, l-Korporazzjoni ta' Servizzi tal-Ilma u Malta Enterprise li se tkun koperta b'nuqqas ta infiq li mistenni ikun hemm fil-Ministeru u l-Parks Malta. |
| XXII | Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol | 104,412,000 | 126,001,000 | 21,589,000 | - | L-ispiża hi antiċipata li tkun ogħla taħt l-*Investment - Equity Acquisition* u Fondi Struturali 2014-2020. Din se tigi parzjalment ikkumpensata minn nuqqas fl-ispiża fid-Dwana, fil-*Financial Intelligence Analysis Unit* u f'l-Awtorita' ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji. |
| | **NEFQA KAPITALI TOTALI** | **935,935,000** | **901,379,000** | **-** | **34,556,000** | |